KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
PITRUZZELLA
ippreżentati fil-5 ta' Settembru 2019 [1]

Kawża C-156/17

Köln-Aktienfonds Deka
vs
Staatssecretaris van Financiën,
fil-preżenza ta':
Nederlandse Orde van Belastingadviseurs,
Loyens en Loeff NV

(talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Hoge Raad der Nederlanden (il-Qorti Suprema tal-Pajjiżi l-Baxxi)

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Moviment liberu tal-kapital – Restrizzjonijiet –Taxxa fuq id-dividendi mħallsa lill-impriżi ta' investiment kollettiv f'titoli trasferibbli (UCITS) – Ċaħda tat-talbiet għal rimbors imressqa minn UCITS mhux residenti, tat-taxxa fuq id-dividendi miżmuma fuq dividendi mħallsa minn kumpanniji residenti – Rekwiżiti rikjesti milll-azzjonisti tal-UCITS – Prova tal-osservanza tar-rekwiżiti – Diskriminazzjoni indiretta – Kundizzjonijiet ta' fatt tas-suq nazzjonali – Obbligu ta' tqassim mill-ġdid tad-dividendi – Setgħa ta' tassazzjoni tal-Istati Membri – Impossibbiltà jew diffikultà eċċessiva sabiex jiġi ssodisfatt l-obbligu – Leġiżlazzjoni tal-Istat Membru ta' stabbiliment tal-UCITS mhux residenti"

1. Permezz ta' talba tagħha għal deċiżjoni preliminari, il-Hoge Raad der Nederlanden (il-Qorti Suprema tal-Pajjiżi l-Baxxi) qiegħda titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi dwar il-kompatibbiltà mal-moviment liberu tal-kapital previst mill-Artikolu 63 TFUE ta' diversi elementi tas-sistema Olandiża ta' taxxa fuq l-impriżi ta' investiment fiskali kollettiv ("iktar 'il quddiem l-"UCFI") [2].

2. Id-domandi preliminari li huma s-suġett ta' din il-kawża ġew magħmula fil-kuntest ta' tilwima li qamet bejn Köln-Aktienfonds Deka (iktar 'il quddiem "KA Deka"), impriża ta' investiment kollettiv f'titoli trasferibbli (iktar 'il quddiem l-"UCITS") stabbilita fil-Ġermanja, u l-awtoritajiet fiskali tal-Pajjiżi l-Baxxi rigward iċ-ċaħda minn dawn tal-aħħar tat-talbiet imressqa minn KA Deka sabiex tirċievi r-rimbors, konformement mal-leġiżlazzjoni rigward l-UCFI, tat-taxxa fuq id-dividendi miżmuma kontriha fuq id-dividendi minn ishma ta' kumpanniji stabbiliti fil-Pajjiżi l-Baxxi mħallsa lilha bejn l-2002 u l-2008.

3. Wara l-irtirar tal-ewwel domanda preliminari mill-qorti tar-rinviju minħabba l-għoti tas-sentenza tal-21 ta' Ġunju 2018, Fidelity Funds *et* (C-480/16, iktar 'il quddiem is-"sentenza Fidelity Funds", EU:C:2018:480), it-talba għal deċiżjoni preliminari issa tirrigwarda biss il-kompatibbiltà mal-Artikolu 63 TFUE tal-leġiżlazzjoni inkwistjoni maż-żewġ kundizzjonijiet previsti minnha sabiex

1 Lingwa oriġinali: it-Taljan.

2 Il-Qorti tal-Ġustizzja diġà kellha l-okkażjoni teżamina l-kompatibbiltà ta' ċerti elementi ta' din is-sistema, fil-verżjoni fis-seħħ f'dak iż-żmien, fis-sentenza tal-20 ta' Mejju 2008, Orange European Smallcap Fund (C-194/06, EU:C:2008:289).

wieħed ikun jista' jibbenefika mis-sistema tal-UCFI, li jridu jiġu ssodisfatti sabiex jiġi rrikonoxxut ir-rimbors tat-taxxa miżmuma fuq id-dividendi: minn naħa waħda, ċerti rekwiżiti relatati mal-azzjonisti tal-UCITS li jixtiequ jibbenefikaw minn din is-sistema u, min-naħa l-oħra, l-obbligu li jitqassmu mill-ġdid il-profitti miksuba.

4. Din il-kawża tqajjem kwistjonijiet importanti u delikati ta' koordinazzjoni bejn, minn naħa, is-setgħa ta' tassazzjoni tal-Istati Membri li tfisser, *inter alia*, fil-libertà li jiġu previsti r-rekwiżiti meqjusa neċessarji sabiex wieħed jibbenefika minn sistema fiskali u, min-naħa l-oħra, ir-rekwiżit li jiġi ggarantit ir-rispett lejn il-libertajiet fundamentali previsti mit-Trattat FUE u, b'mod partikolari, il-moviment liberu tal-kapital.

I. Il-kuntest ġuridiku

5. Is-sistema ġuridika u fiskali relatata mal-UCFI fid-dritt tal-Pajjiżi l-Baxxi hija rregolata, prinċipalment, mill-Artikolu 28 tal-Wet op de vennootschapsbelasting 1969 (il-Liġi tal-1969 dwar it-Taxxa fuq il-Kumpanniji, iktar 'il quddiem il-"Wet Vpb"), artikolu li sarulu emendi sostanzjali fl-2007, u mill-Artikolu 10(2) tal-Wet op de dividendbelasting (il-Liġi dwar it-Taxxa fuq id-Dividendi).

6. L-għan imfittex minn din is-sistema huwa dak li jiġu assimilati, għall-għanijiet ta' taxxa fil-Pajjiżi l-Baxxi, id-detenturi a' azzjonijiet jew ta' ishma ta' UCFI mal-persuni fiżiċi li jwettqu investimenti diretti. Is-sistema msemmija tfittex li tassimila bl-iktar mod possibbli l-pressjoni fiskali fuq id-dħul miksub mill-investimenti magħmula mill-UCFI mal-pressjoni fiskali fuq id-dħul miksub minn investimenti diretti magħmula minn investituri privati.

7. Sabiex jintlaħaq dan l-għan, mid-deċiżjoni tar-rinviju tal-Hoge Raad der Nederlanden (il-Qorti Suprema tal-Pajjiżi l-Baxxi) jirriżulta li d-dritt tal-Pajjiżi l-Baxxi, kif kien fis-seħħ fil-perijodu rilevanti għall-kawża prinċipali, kien ippreveda s-sistema ġuridika u fiskali tal-UCFI kif ġej.

8. L-ewwel nett, konformement mal-Artikolu 28(2) tal-Wet Vpb, fil-verżjoni fis-seħħ fil-perijodu ta' bejn l-2002 u l-2006, setgħu jikklassifikaw bħala UCFI l-kumpanniji pubbliċi ta' responsabbiltà limitata, il-kumpanniji b'responsabbiltà limitata u l-fondi speċjali ta' investiment li ġew stabbiliti, fil-Pajjiżi l-Baxxi, li l-għan u l-attività effettiva tagħhom kienu jikkonsistu f'investimenti patrimonjali u li kienu ssodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-istess paragrafu [3].

9. It-tieni nett, l-UCFI kienu – u huma sa issa – suġġetti għal rata ta' taxxa fuq il-kumpanniji li hija ekwivalenti għal żero, jiġifieri hija ekwivalenti għal eżenzjoni minn din it-taxxa.

10. It-tielet nett, meta UCFI kelha ishma f'kumpanniji stabbiliti fil-Pajjiżi l-Baxxi u kienet tikseb dividendi minn dawn il-kumpanniji, din setgħet titlob ir-rimbors tat-taxxa Olandiża fuq id-dividendi miġbura mingħandha f'ras il-għajn mill-kumpanniji li qassmu d-dividendi. Meta, madankollu, UCFI kienet tirċievi dividendi minn kumpanniji stabbiliti f'pajjiżi oħra li fihom dawn kienu suġġetti għal taxxa, hija kellha dritt għal kumpens. Dawn ir-rekwiżiti għadhom sa issa fis-seħħ.

3 Wara l-emendi leġiżlattivi introdotti fl-2007, minn naħa, il-kundizzjoni relatata mal-post ta' stabbiliment tneħħiet u, min-naħa l-oħra, minflok il-lista eżawrjenti tal-forom ġuridiċi li kellhom jittieħdu sabiex jista' jkun hemm klassifika bħala UCFI, ġiet introdotta dispożizzjoni li skontha jistgħu jitolbu din il-klassifika ta' UCFI l-entitajiet ikkostitwiti konformemnt mad-dritt ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea, bil-kundizzjoni li dawn l-entitajiet "jinsabu madankollu fl-istess sitwazzjoni" u "jkunu komparabbli kemm skont in-natura tagħhom u skont l-organizzazzjoni tagħhom" mal-kumpanniji pubbliċi ta' responsabbiltà limitata, mal-kumpanniji b'responsabbiltà limitata u mal-fondi speċjali ta' investiment tad-dritt Olandiż.

11. Ir-raba' nett, l-UCFI kienu – u huma sa issa – obbligati li jqassmu lill-azzjonisti jew lill-parteċipanti tagħhom il-profitti miksuba kollha (kemm id-dividendi kif ukoll tipi oħra ta' profitti) li jistgħu jiġu mqassma, u dan fi żmien tmien xhur mit-tmiem tas-sena finanzjarja relattiva (iktar 'il quddiem l-"obbligu ta' tqassim mill-ġdid") [4].

12. Il-ħames nett, meta kienu jqassmu d-dividendi lill-azzjonisti jew lill-parteċipanti tagħhom, l-UCFI kellhom – u għandhom sa issa – l-obbligu li jiġbru t-taxxa Olandiża fuq id-dividendi. Dan il-ġbir jissostitwixxi t-taxxa fuq id-dividendi, miżmuma kontra l-UCFI u li suċċessivament jiġu rrimborsati għaliha. B'dan il-mod l-investiment permezz tal-UCFI ma huwiex fiskalment iktar vantaġġuż minn investiment dirett.

13. Is-sitt nett, sabiex jiġi ggarantit li s-sistema tal-UCFI tiġi użata esklużivament għat-tipi ta' investituri li għalihom kienet intenzjonata, il-leġiżlazzjoni rilevanti kienet tipprevedi ċerti rekwiżiti rigward l-azzjonisti jew il-parteċipanti li kellhom jiġu ssodisfatti mill-impriżi sabiex ikunu jistgħu jikklassifikaw bħala UCFI (iktar 'il quddiem ir-"rekwiżiti tal-azzjonisti") [5].

14. Fil-perijodu bejn l-2002 u l-2006, il-kundizzjonijiet meħtieġa mill-azzjonisti kienu rregolati mill-Artikolu 28(2)(c), (d), (e), (f), u (g) tal-Wet Vpb. Il-leġiżlazzjoni kienet tipprevedi distinzjoni bejn impriżi li l-ishma jew iċ-ċertifikati tal-ishma tagħhom kienu ġew uffiċjalment ikkwotati fil-Borża ta' Amsterdam u impriżi li l-ishma jew iċ-ċertifikati tal-ishma tagħhom ma kinux.

15. Iktar speċifikament, impriżi li l-azzjonijiet jew l-ishma tagħhom kienu kkwotati fil-Borża ta' Amsterdam kienu jiġu, essenzjalment, esklużi mis-sistema tal-UCFI jekk il-45 % jew iktar tal-azzjonijiet jew l-ishma kienu miżmuma minn entità suġġetta għal taxxa fuq il-profitti (u mhux minn UCFI li l-azzjonijiet jew l-ishma tagħha kienu kkwotati fil-Borża ta' Amsterdam), jew kienu miżmuma minn entità li l-profitt tagħha kien suġġett għal taxxa fuq il-profitti miġbura mill-azzjonisti jew il-parteċipanti. Iktar minn hekk, impriża ma setgħetx tibbenefika mis-sistema prevista għall-UCFI, jekk persuna fiżika kienet iżżomm fl-impriża stess, weħidha, interess ekwivalenti jew superjuri għal 25 %.

16. Impriżi li l-ishma tagħhom ma kinux ikkwotati fil-Borża ta' Amsterdam, setgħu jibbenefikaw mis-sistema tal-UCFI bil-kundizzjoni li, essenzjalment, mill-inqas 75 % tal-azzjonijiet jew l-ishma tagħhom kienu miżmuma minn persuni fiżiċi, entitajiet mhux suġġetti għal taxxa fuq il-profitti, bħal fondi tal-pensjonijiet u organizzazzjonijiet tal-karità jew UCFI oħrajn. Ma kienx possibbli jinkiseb benefiċċju mis-sistema tal-UCFI jekk persuna fiżika waħda jew iktar kellhom sehem sinjifikattiv – jiġifieri, mill-inqas 5 % tal-azzjonijiet jew l-ishma – fl-impriża. Jekk fond ta' investiment kellu awtorizzazzjoni fis-sens tal-Wet toezicht beleggingsinstellingen (il-Liġi dwar is-Sorveljanza tal-Fondi ta' Investiment), il-projbizzjoni ta' sehem sinjifikattiv kienet titwarrab favur regola li skontha l-ebda persuna fiżika ma seta' jkollha interess ekwivalenti jew superjuri għal 25 % fil-fond.

17. Sabiex ikunu jistgħu jibbenefikaw mis-sistema tal-UCFI, impriżi li l-ishma jew iċ-ċertifikati tal-ishma tagħhom kienu uffiċjalment ikkwotati fil-Borża ta' Amsterdam kienu għaldaqstant suġġetti għal rekwiżiti inqas restrittivi minn dawk li l-ishma jew iċ-ċertifikati tal-ishma tagħhom ma kinux.

4 L-Artikolu 28(2)(b) tal-Wet Vbp.

5 L-Artikolu 28(2)(c) tal-Wet Vpb.

18. Wara l-emendi leġiżlattivi tal-2007 d-distinzjoni bejn impriżi li l-azzjonijiet jew l-ishma tagħhom ikunu kkwotati fil-Borża ta' Amsterdam u impriżi oħra, tneħħiet. Mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li dak li huwa deċiżiv, f'dan il-punt, huwa li l-azzjonijiet jew l-ishma jiġu ammessi għall-kummerċ f'suq tal-istrumenti finanzjarji kif previst mill-wet op het financieel toezicht (il-Liġi dwar is-Sorveljanza Finanzjarja)[6] jew li l-fond jew il-maniġer tiegħu jkollu awtorizzazzjoni jew li jkun eżentat skont l-istess liġi[7].

II. Il-fatti, il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

19. KA Deka huwa fond ta' investiment tad-dritt Ġermaniż stabbilit fil-Ġermanja, li l-attivitajiet tiegħu jinkludu l-investiment tal-patrimonju tal-fond. KA Deka tikkostitwixxi UCFI skont id-Direttivi 85/611[8] u 2009/65[9]. KA Deka toħroġ azzjonijiet li huma kkwotati fil-Borża fil-Ġermanja. Il-kummerċ ta' dawn l-ishma jitwettaq permezz ta' sistema msejħa "global stream system". Peress li hija fond speċjali ta' investiment (Sondervermögen), fil-perijodu rilevanti KA Deka kienet eżentata mit-taxxa Ġermaniża fuq id-dħul tal-kumpanniji.

20. KA Deka għamlet investimenti f'kumpanniji stabbiliti fil-Pajjiżi l-Baxxi, li minnhom, matul il-perijodu bejn is-snin finanzjarji 2002/2003 u 2007/2008, kisbet dividendi. Fuq dawn id-dividendi ġew miġbura taxxi f'ras il-għajn, skont it-taxxa Olandiża fuq id-dividendi, bl-applikazzjoni ta' rata ekwivalenti għal 15 %[10].

21. Ladarba ma kinitx suġġetta fil-Pajjiżi l-Baxxi għall-obbligu tat-taxxa Olandiża fuq id-dividendi msemmija fil-punt 12 iktar 'il fuq, KA Deka ma ħallsitx din it-taxxa fuq il-profitti mqassma minnha.

22. KA Deka talbet lill-awtoritajiet fiskali tal-Pajjiżi l-Baxxi r-rimbors tat-taxxi f'ras il-għajn, abbażi tat-taxxa Olandiża fuq id-dividendi, għas-snin finanzjarji msemmija iktar 'il fuq għal ammont totali ta' madwar EUR 690 000.

23. L-awtoritajiet fiskali tal-Pajjiżi l-Baxxi ċaħdu t-talbiet ta' rimbors imressqa minn KA Deka, li għalhekk marret quddiem ir-Rechtbank Zeeland-West-Brabant (il-Qorti Distrettwali ta' Zeeland-West-Brabant, il-Pajjiżi l-Baxxi). Quddiem din il-qorti KA Deka sostniet, essenzjalment, li d-dritt tagħha li tikseb ir-rimborsi mitluba jirriżulta mill-Artikolu 63 TFUE u li s-sitwazzjoni tagħha tista' tiġi kkumparata ma' dik ta' fond ta' investiment stabbilit fil-Pajjiżi l-Baxxi li jibbenefika mill-istatus ta' UCFI.

24. Wara li kellha dubji dwar il-kriterji li għandhom jintużaw għat-tqabbil bejn KA Deka u fond ta' investiment stabbilit fil-Pajjiżi l-Baxxi li jibbenefika mill-istatus ta' UCFI, kif ukoll minħabba n-numru importanti ta' kawżi pendenti bl-istess suġġett, ir-Rechtbank Zeeland-West-Brabant (il-Qorti Distrettwali ta' Zeeland-West-Brabant) iddeċidiet tagħmel ċerti domandi preliminari lill-Hoge Raad der Nederlanden (il-Qorti Suprema tal-Pajjiżi l-Baxxi), il-qorti tar-rinviju.

25. F'dan ir-rigward, il-qorti tar-rinviju tosserva li l-previżjoni tar-rekwiżiti tal-azzjonisti għandha l-għan li tiggarantixxi li l-użu tas-sistema tal-UCFI jibqa' limitat għall-investituri li għalihom hija intiża u li dawn ir-rekwiżiti japplikaw mingħajr distinzjoni għal entitajiet residenti u mhux residenti, indipendentement mill-Istat Membru ta' kostituzzjoni jew stabbiliment tagħhom. Anki fond ta'

6 Speċifikament mill-Artikolu 1:1 ta' din il-liġi.

7 B'mod iktar partikolari, rispettivament, skont l-Artikolu 2:65 jew l-Artikolu 2:66(3) tal-istess liġi dwar is-sorveljanza finanzjarja.

8 Direttiva tal-Kunsill 85/611/KEE tal-20 ta' Diċembru 1985 dwar il-koordinazzjoni ta' liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi li jirrelataw għal impriżi ta' investiment kollettiv f'titoli trasferibbli (UCITS) (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 1, p. 139).

9 Direttiva 2009/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar il-koordinazzjoni ta' liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi fir-rigward tal-impriżi ta' investiment kollettiv f'titoli trasferibbli (UCITS) (ĠU 2009, L 302, p. 32).

10 Konformement mal-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni Fiskali konkluża fis-16 ta' Ġunju 1959 bejn ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja u l-Pajjiżi l-Baxxi, kif emendata l-aħħar mit-Tielet Protokoll Addizzjonali tal-4 ta' Ġunju 2004.

investiment stabbilit fil-Pajjiżi l-Baxxi għandu jissodisfa r-rekwiżiti tal-azzjonisti sabiex jiġi rrikonoxxut bħala UCIF. Iċ-ċirkustanza invokata minn KA Deka li skontha jkun impossibbli għaliha tagħti prova li ssodisfat dawn ir-rekwiżiti peress li hija ma tafx l-azzjonisti tagħha minħabba l-użu tas-sistema ta' kummerċ "global stream system" ma huwiex rilevanti. Fil-fatt mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li l-konsegwenzi tan-nuqqas li jintwera li ġew osservati r-rekwiżiti tal-azzjonisti għandhom jintrefgħu mill-persuna kkonċernata.

26. Iktar minn hekk, għal dak li jirrigwarda l-obbligu ta' tqassim mill-ġdid, il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk, sabiex wieħed ikun jista' jibbenefika mill-istatus ta' UCFI, huwiex possibbli li tiġi imposta fuq fond ta' investiment barrani l-kundizzjoni li d-dividendi miksuba minn kumpanniji stabbiliti fil-Pajjiżi l-Baxxi jiġu fil-fatt imqassma mill-ġdid jew jekk huwiex suffiċjenti li dawn id-dividendi jkunu inklużi, permezz ta' fizzjoni, fit-taxxa li l-Istat Membru ta' stabbiliment tal-fond jiġbor mill-azzjonisti jew mill-parteċipanti tiegħu.

27. Peress li kellha dubji raġonevoli dwar ir-risposti li għandha tagħti għal dawn id-domandi, il-Hoge Raad der Nederlanden (il-Qorti Suprema tal-Pajjiżi l-Baxxi) għamlet lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) L-[Artikolu 63 TFUE] jipprekludi li fond ta' investiment stabbilit barra l-Pajjiżi l-Baxxi jiġi rrifjutat il-ħlas lura tat-taxxa fuq id-dividendi Olandiża miżmuma fuq id-dividendi li l-fond ta' investiment irċieva mingħand entitajiet stabbiliti fil-Pajjiżi l-Baxxi, minħabba li ma huwiex suġġett għall-obbligu ta' żamma tat-taxxa fuq id-dividendi Olandiża, filwaqt li tali ħlas lura jingħata lil istituzzjoni ta' investiment fiskali stabbilita fil-Pajjiżi l-Baxxi li, kull sena, tqassam il-profitt mill-investimenti tagħha lill-azzjonarji jew lill-parteċipanti tagħha, bla ħsara għaż-żamma tat-taxxa fuq id-dividendi Olandiża?

2) L-[Artikolu 63 TFUE] jipprekludi li fond ta' investiment stabbilit barra l-Pajjiżi l-Baxxi jiġi rrifjutat il-ħlas lura tat-taxxa fuq id-dividendi Olandiża miżmuma fuq id-dividendi li huwa rċieva mingħand entitajiet stabbiliti fil-Pajjiżi l-Baxxi, minħabba li ma pprovdiex prova suffiċjenti li l-azzjonisti jew il-parteċipanti tiegħu jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-leġiżlazzjoni Olandiża?

3) L-[Artikolu 63 TFUE] jipprekludi li fond ta' investiment stabbilit barra l-Pajjiżi l-Baxxi jiġi rrifjutat il-ħlas lura tat-taxxa fuq id-dividendi Olandiża miżmuma fuq id-dividendi li huwa rċieva mingħand entitajiet stabbiliti fil-Pajjiżi l-Baxxi, minħabba li ma jqassamx il-profitt kollu mill-investimenti lill-azzjonisti jew lill-parteċipanti tiegħu kull sena, mhux iktar tard minn tmien xhur minn tmiem is-sena finanzjarja, anki jekk, fil-pajjiż fejn huwa stabbilit il-fond ta' investiment, skont il-leġiżlazzjoni applikabbli hemmhekk, il-profitt mill-investimenti li ma tqassamx (a) jitqies li tqassam u/jew (b) jittieħed inkunsiderazzjoni fit-taxxa imposta f'dan il-pajjiż fuq l-azzjonisti jew il-parteċipanti tiegħu bħallikieku dan il-profitt ikun tqassam, filwaqt li tali ħlas lura jingħata lil istituzzjoni ta' investiment fiskali stabbilita fil-Pajjiżi l-Baxxi li, kull sena, tqassam il-profitt mill-investimenti tagħha lill-azzjonarji jew lill-parteċipanti tagħha, bla ħsara għaż-żamma tat-taxxa fuq id-dividendi Olandiża?"

III. Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

28. Id-deċiżjoni tar-rinviju waslet għand ir-Reġistratur tal-Qorti tal-Ġustizzja fis-27 ta' Marzu 2017. Ippreżentaw osservazzjonijiet bil-miktub KA Deka, in-Nederlandse Orde van Belastingadviseurs (l-Assoċjazzjoni ta' Konsulenti Fiskali tal-Pajjiżi l-Baxxi), il-kumpannija Loyens en Loef NV, il-Gvern Ġermaniż u dak tal-Pajjiżi l-Baxxi, kif ukoll il-Kummissjoni Ewropea.

29. Wara l-għoti tas-sentenza Fidelity Funds, ir-Reġistratur tal-Qorti tal-Ġustizzja, permezz ta' ittra tat-22 ta' Ġunju 2018, stieden lill-qorti tar-rinviju sabiex tikkomunika lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk hija tqisx neċessarju li żżomm it-talba għal deċiżjoni preliminari.

30. Permezz ta' ittra tat-3 ta' Diċembru 2018, il-qorti tar-rinviju informat lill-Qorti tal-Ġustizzja bl-intenzjoni tagħha li tirtira l-ewwel domanda preliminari, iżda li ser iżżomm it-tieni u t-tielet domanda preliminari.

31. Fis-seduta quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja li nżammet fit-22 ta' Mejju 2019 intervjenew KA Deka, l-Assoċjazzjoni ta' Konsulenti Fiskali tal-Pajjiżi l-Baxxi, il-kumpannija Loyens en Loeff NV, il-Gvern Ġermaniż u tal-Pajjiżi l-Baxxi, kif ukoll il-Kummissjoni.

IV. Analiżi ġuridika

A. Osservazzjonijiet preliminari

32. Preliminarjament għandu jiġi osservat li, wara l-irtirar mill-qorti tar-rinviju tal-ewwel domanda preliminari fid-dawl tas-sentenza Fidelity Funds, f'din il-kawża l-Qorti tal-Ġustizzja baqgħet adita biss mit-tieni u mit-tielet domanda preliminari magħmula mill-qorti tar-rinviju.

33. Is-sentenza Fidelity Funds kienet tirrigwarda, fil-fatt, leġiżlazzjoni fiskali Daniża relatata mat-taxxa tad-dividendi mħallsa minn kumpanniji Daniżi lill-UCITS li kellha diversi elementi ta' xebh mal-leġiżlazzjoni tal-Pajjiżi l-Baxxi fil-kawża prinċipali li, essenzjalment, kellha l-istess għan [11].

34. F'din is-sentenza l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Artikolu 63 TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li dan jipprekludi leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li abbażi tagħha d-dividendi ddistribwiti minn kumpannija residenti f'dan l-Istat Membru lil UCITS mhux residenti huma suġġetti għal taxxa f'ras il-għajn, filwaqt li d-dividendi ddistribwiti lil UCITS residenti f'dan l-istess Stat Membru huma eżentati mill-ħlas ta' din it-taxxa, bil-kundizzjoni li din l-impriża tipproċedi b'distribuzzjoni minima lill-parteċipanti tagħha, jew tikkalkola teknikament distribuzzjoni minima, u tiġbor taxxa fuq tali distribuzzjoni minima reali jew fittizja fuq il-parteċipanti tagħha.

35. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, minn naħa, li l-leġiżlazzjoni nazzjonali ta' dan it-tip tikkostitwixxi restrizzjoni għall-moviment liberu tal-kapital, ipprojbita, fil-prinċipju, mill-Artikolu 63 TFUE [12], u, min-naħa l-oħra, li ma tistax tiġi ġġustifikata minħabba xi differenza oġġettiva bejn UCITS residenti u UCITS mhux residenti, la minħabba raġunijiet imperattivi ta' interess ġenerali u, b'mod iktar speċifiku, la min-neċessità li jiġi żgurat il-ħarsien tat-tqassim ibbilanċjat tas-setgħa ta' tassazzjoni bejn l-Istati Membri, u lanqas min-neċessità li titħares il-koerenza tas-sistema fiskali [13].

36. Fl-ittra tagħha tat-3 ta' Diċembru 2018, il-qorti tar-rinviju informat lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-fatt li hija tqis li r-risposta għall-ewwel domanda preliminari, rigward il-kompatibbiltà mal-Artikolu 63 TFUE ta' leġiżlazzjoni, bħal dik tal-Pajjiżi l-Baxxi, li fuq il-bażi tagħha ma huwiex permess lil UCITS mhux residenti r-rimbors tat-taxxa miżmuma fuq id-dividendi mħallsa minn kumpanniji residenti meta dan ir-rimbors huwa permess lil UCITS residenti, setgħet tiġi konkluża mis-sentenza Fidelity Funds.

37. Fl-istess ittra l-qorti tar-rinviju, madankollu, informat li t-tieni u t-tielet domanda preliminari, rigward il-kompatibbiltà mal-Artikolu 63 TFUE tar-rifjut tar-rimbors tat-taxxa f'ras il-għajn lil UCITS mhux residenti bl-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet li jipprevedu, rispettivament, minn naħa, ir-rekwiżiti tal-azzjonisti, imsemmija fil-punti 15 u 16 preċedenti, u min-naħa l-oħra, l-obbligu ta' tqassim mill-ġdid imsemmi fil-punt 11 preċedenti, ma ngħatawx risposta sħiħa minn din is-sentenza.

11 Ara l-punt 52 tas-sentenza Fidelity Funds u punt 6 iktar 'il fuq.

12 Ara l-punti 40 sa 45 tas-sentenza Fidelity Funds.

13 Ara, minn naħa, il-punti minn 49 sa 63 tas-sentenza Fidelity Funds u, min-naħa l-oħra, il-punti minn 66 sa 76 u minn 77 sa 86 ta' din l-istess sentenza.

38. Is-suġġett ta' din il-kawża baqa', għaldaqstant, limitat għal dawn iż-żewġ domandi preliminari. Sabiex tingħata risposta għal dawn id-domandi madankollu, jeħtieġ, fil-fehma tiegħi, li jiġu evalwati preliminarjament il-prinċipji tal-ġurisprudenza żviluppati mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-qasam tal-moviment liberu tal-kapital, b'riferiment partikolari għall-kawżi rigward it-taxxa tad-dividendi.

B. Il-prinċipji tal-ġurisprudenza fil-qasam tal-moviment liberu tal-kapital, b'riferiment partikolari għat-taxxa tad-dividendi

39. Għal dak li jirrigwarda, l-ewwel nett, l-evalwazzjoni sabiex jiġi ddeterminat jekk leġiżlazzjoni nazzjonali tikkostitwixxix restrizzjoni għall-moviment liberu tal-kapital, jeħtieġ, qabel kollox, li jitfakkar li l-Qorti tal-Ġustizzja kellha l-okkażjoni diversi drabi sabiex tinnota li l-Istati Membri għandhom jeżerċitaw il-kompetenza tagħhom fil-qasam tat-tassazzjoni diretta fl-osservanza tad-dritt tal-Unjoni u, b'mod partikolari, tal-libertajiet fundamentali ggarantiti mit-Trattat FUE [14].

40. Mill-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li l-miżuri pprojbiti mill-Artikolu 63(1) TFUE, bħala restrizzjonijiet għall-movimenti tal-kapital, jinkludu dawk li huma ta' natura li jiddisswadu lill-persuni mhux residenti milli jinvestu fi Stat Membru jew li jiddisswadu lir-residenti tal-imsemmi Stat Membru milli jagħmlu dan fi Stati oħra [15].

41. Mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta wkoll, li trattament iddifferenzjat li huwa bbażat fuq kriterji oġġettivi jista', *de facto*, jisfavorixxi s-sitwazzjonijiet transkonfinali u jintroduċi diskriminazzjonijiet indiretti kontra d-dispożizzjonijiet rigward il-libertajiet fundamentali ggarantiti mit-Trattat FUE [16].

42. F'dan ir-rigward, fil-qasam tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi l-Qorti tal-Ġustizzja kellha l-opportunità tiddikjara li anki leġiżlazzjoni nazzjonali li tapplika indistintament għas-servizzi kollha, indipendentement mill-post ta' stabbiliment tal-fornitur, tista' tikkostitwixxi restrizzjoni għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi meta din tirriżerva l-benefiċċju ta' vantaġġ biss għal dawk l-utenti ta' servizzi li jissodisfaw ċerti kundizzjonijiet li jkunu, *de facto*, speċifiċi għas-suq nazzjonali u b'hekk iċċaħħad lill-utenti ta' servizzi oħra essenzjalment simili, iżda li ma jissodisfawx il-kundizzjonijiet partikolari previsti minn din il-leġiżlazzjoni, mill-benefiċċju ta' dan il-vantaġġ. Fil-fatt, leġiżlazzjoni simili tirrigwarda s-sitwazzjoni tal-utenti ta' servizzi bħala tali u hija għalhekk tista' tiddisswadihom milli jużaw dawk ta' fornituri partikolari, peress li s-servizzi proposti minn dawn tal-aħħar ma jissodisfawx il-kundizzjonijiet previsti mill-imsemmija leġiżlazzjoni, u b'hekk tikkundizzjona l-aċċess għas-suq [17].

43. Din il-ġurisprudenza hija applikabbli fil-qasam tal-moviment liberu tal-kapital [18].

44. Isegwi li leġiżlazzjoni nazzjonali li tapplika indistintament għal entitajiet residenti u mhux residenti, tista' tikkostitwixxi restrizzjoni għall-moviment liberu tal-kapital meta tirriżerva l-benefiċċju ta' trattament fiskali pprivileġġat biss għall-entitajiet li jissodisfaw ċerti kundizzjonijiet li jkunu, fil-fatt, speċifiċi għas-suq nazzjonali u b'hekk iċċaħħad entitajiet essenzjalment simili, iżda li ma jissodisfawx il-kundizzjonijiet partikolari previsti minn din il-leġiżlazzjoni, mill-benefiċċju ta' tali trattament fiskali.

14 Ara, b'mod partikolari, is-sentenza tal-25 ta' Lulju 2018, TTL (C-553/16, EU:C:2018:604, punt 44 u l-ġurisprudenza ċċitata).

15 Ara s-sentenza Fidelity Funds, punt 40 u l-ġurisprudenza ċċitata fiha.

16 Ara, b'mod partikolari, f'dan is-sens, dwar il-qasam tal-libertà tal-istabbiliment, is-sentenza tal-5 ta' Frar 2014, Hervis Sport- és Divatkereskedelmi (C-385/12, EU:C:2014:47, punti minn 37 sa 41).

17 Ara s-sentenza tat-8 ta' Ġunju 2017, Van der Weegen *et* (C-580/15, EU:C:2017:429, punt 29 u l-ġurisprudenza ċċitata).

18 F'dan ir-rigward, ara s-sentenza tal-10 ta' Novembru 2011, Il-Kummissjoni vs Il-Portugall, (C-212/09, EU:C:2011:717, punt 65), li tirrigwarda l-moviment liberu tal-kapital u li ġiet iċċitata mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-punt 29 tas-sentenza Van der Weegen iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna preċedenti sabiex tistabbilixxi l-prinċipju tal-ġurisprudenza indikat fiha.

45. Fil-fatt, leġiżlazzjoni simili tista' tiddisswadi l-entitajiet mhux residenti, li ma jissodisfawx il-kundizzjonijiet partikolari – tas-suq nazzjonali – previsti minn din il-leġiżlazzjoni milli jwettqu investimenti fl-Istat Membru inkwistjoni u l-investituri residenti f'tali Stat Membru milli jwettqu investimenti f'entitajiet mhux residenti.

46. It-tieni nett, jeħtieġ barra minn hekk, li jitfakkar li, fil-qasam ta' tassazzjoni diretta, l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tat-Trattat FUE rigward il-libertajiet fundamentali għandha tiġu kkoordinata mas-setgħa ta' tassazzjoni tal-Istati Membri minħabba l-kompetenza fiskali tagħhom.

47. F'dan ir-rigward il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat li huwa kull Stat Membru li għandu jorganizza, skont id-dritt tal-Unjoni, is-sistema ta' taxxa tiegħu tal-profitti mqassma u, b'mod partikolari, jiddefinixxi, f'dan il-kunest, l-ammont taxxabbli kif ukoll ir-rati ta' taxxa li jiġu applikati, fuq il-kumpannija li tqassam u/jew fuq il-benefiċjarju, sakemm huma suġġetti għat-taxxa fl-imsemmi Stat [19], bil-kundizzjoni madankollu li s-sistema inkwistjoni ma tinkludix diskriminazzjonijiet ipprojbiti mit-Trattat FUE [20].

48. Barra minn hekk, fl-assenza ta' dispożizzjonijiet ta' unifikazzjoni jew ta' armonizzazzjoni adottati mill-Unjoni, l-Istati Membri jibqgħu kompetenti li jiddefinixxu, permezz ta' ftehim jew deċiżjoni unilaterali, il-kriterji tat-tqassim tas-setgħa ta' tassazzjoni tagħhom [21].

49. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeduċiet minn dan li tali kompetenzi jinkludu, minn naħa waħda, li Stat Membru ma huwiex obbligat jadatta s-sistema fiskali tiegħu għad-diversi sistemi fiskali tal-Istati Membri l-oħra [22] u, min-naħa l-oħra, li huwa ma għandux jieħu inkunsiderazzjoni, għall-għanijiet tal-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni fiskali tiegħu, il-konsegwenzi, jekk ikun il-każ, sfavorevoli li jiddependu mill-ispeċifiċitajiet tal-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru ieħor. Fil-fatt, fl-istat attwali tad-dritt tal-Unjoni fil-qasam tat-tassazzjoni diretta, id-dispożizzjonijiet tat-Trattat FUE fil-qasam tal-libertajiet fundamentali ma jistgħux jiġu interpretati fis-sens li Stat Membru huwa obbligat jorganizza r-regoli fiskali tiegħu skont dawk ta' Stat Membru ieħor, sabiex jiggarantixxi, fis-sitwazzjonijiet kollha, tassazzjoni li telimina kull diskrepanza li tirriżulta mir-regoli fiskali nazzjonali [23].

50. Huwa f'dan il-kuntest li, fit-tielet lok, jeħtieġ li tiġi indirizzata l-kwistjoni, diskussa sew fis-seduta, dwar, jekk jeħtieġx, sabiex tiġi kkonstatata restrizzjoni għal-libertajiet fundamentali ggarantiti mit-Trattat FUE fejn hemm rekwiżiti oġġettivi li huma applikabbli indistintament għal persuni residenti u mhux residenti iżda li, fil-fatt, jippermettu restrizzjoni indiretta, li għall-persuni mhux residenti jkun impossibbli li jissodisfaw dawn ir-rekwiżiti jew jekk, minflok, ikunx suffiċjenti li għalihom ikun iktar diffiċli sabiex sempliċement jissodisfawhom.

51. Dwar din il-kwistjoni rriżultaw żewġ argumenti opposti. Minn naħa, il-Gvern Ġermaniż sostna li l-kwistjoni għadha ma hijiex solvuta mill-ġurisprudenza u li restrizzjoni tal-libertajiet fundamentali fil-qasam fiskali ma tistax tiġi kkonstatata meta jkun sempliċement iktar diffiċli għal persuni mhux residenti li jissodisfaw il-kundizzjonijiet previsti mil-leġiżlazzjoni nazzjonali, iżda biss meta dan ikun impossibbli. Soluzzjoni kuntrarja tkun fil-fatt tinterferixxi mal-awtonomija fiskali tal-Istati Membri rrikonoxxuta mit-trattati. Min-naħa l-oħra, il-Kummissjoni sostniet argument kuntrarju, li skontu

19 Ara s-sentenza tat-12 ta' Diċembru 2006, Test Claimants in the FII Group Litigation (C-446/04, EU:C:2006:774, punt 50).

20 Sentenzi tat-13 ta' Novembru 2012, Test Claimants in the FII Group Litigation (C-35/11, EU:C:2012:707, punt 40) u tal-11 ta' Settembru 2014, Kronos International (C-47/12, EU:C:2014:2200, punt 68 u l-ġurisprudenza ċċitata).

21 Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-20 ta' Mejju 2008, Orange European Smallcap Fund (C-194/06, EU:C:2008:289, punt 48) u tat-30 ta' Ġunju 2016, Riskin u Timmermans (C-176/15, EU:C:2016:488, punt 29).

22 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-10 ta' Ġunju 2015, X (C-686/13, EU:C:2015:375, punti 33 u 34 u l-ġurisprudenza ċċitata).

23 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-23 ta' Ottubru 2008, Krankenheim Ruhesitz am Wannsee-Seniorenheimstatt (C-157/07, EU:C:2008:588, punti 49 u 50 u l-ġurisprudenza ċċitata).

l-eżistenza ta' sitwazzjoni ta' impossibbiltà assoluta għall-persuni mhux residenti ma hijiex neċessarja sabiex tiġi kkonstatata restrizzjoni tal-libertajiet fundamentali. Għal dan il-għan ikun, minflok, suffiċjenti li għal dawn il-persuni jkun iktar diffiċli jissodisfaw ir-rekwiżiti previsti mil-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni.

52. F'dan ir-rigward, l-evalwazzjoni tal-ġurisprudenza rilevanti turi li l-Qorti tal-Ġustizzja, f'diversi każijiet ikkonstatat l-eżistenza ta' restrizzjoni tal-libertajiet fundamentali ggarantiti mit-Trattat FUE mingħajr ma kien neċessarju li tkun stabbilita sitwazzjoni ta' impossibbiltà assoluta għall-persuni mhux residenti sabiex jissodisfaw il-kundizzjonijiet previsti mil-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli, u dan anki fil-qasam fiskali.

53. B'hekk, pereżempju, fis-sentenza tat-8 ta' Ġunju 2017, Van der Weegen *et* (C-580/15, EU:C:2017:429) il-Qorti tal-Ġustizzja rrikonoxxiet l-eżistenza ta' restrizzjoni tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi skont l-Artikolu 56 TFUE, minkejja li ma kinitx, *de facto* jew *de jure*, impossibbli għall-istabbilimenti ta' kreditu barranin li jissodisfaw il-kundizzjonijiet previsti mil-leġiżlazzjoni Belġjana sabiex jibbenefikaw mis-sistema ta' eżenzjoni fiskali inkwistjoni [24].

54. Bl-istess mod, fis-sentenza tad-9 ta' Ottubru 2014, van Caster (C-326/12, EU:C:2014:2269), il-Qorti tal-Ġustizzja rrikonoxxiet l-eżistenza ta' restrizzjoni tal-moviment liberu tal-kapital f'sitwazzjoni li fiha ma eżistietx sitwazzjoni ta' impossibbiltà għall-fondi mhux residenti li jikkonformaw mal-obbligi previsti mil-leġiżlazzjoni fiskali nazzjonali [25].

55. Din il-ġurisprudenza turi, barra minn hekk, anki li l-Qorti tal-Ġustizzja ma ddeċidietx li sempliċement diffikultà kbira għall-persuni mhux residenti sabiex jissodisfaw ir-rekwiżiti indistintament applikabbli previsti mil-leġiżlazzjoni nazzjonali kienet suffiċjenti sabiex tikkostitwixxi restrizzjoni tal-libertajiet fundamentali żgurati mid-dispożizzjonijiet tat-Trattat FUE. Konformement mal-kunċett ta' "restrizzjoni" [26], il-livell ta' diffikultà għandu jkun tali li jiddisswadi l-eżerċizzju ta' din il-libertà.

56. Rigward l-invokazzjoni mill-Gvern Ġermaniż tal-awtonomija fiskali tal-Istati Membri, naqbel mal-fehma tal-Kummissjoni li rreferi għaliha dan il-gvern, li skontha l-evalwazzjoni ta' taxxa fil-kuntest tal-libertà tas-suq intern teħtieġ approċċ iktar flessibbli, minħabba li l-applikazzjoni ta' kwalunkwe taxxa tista', fil-prinċipju, tostakola l-attività ekonomika jew tiskuraġġiha u għalhekk li persuna tiġi sempliċement suġġetta għal taxxa potenzjalment ifisser restrizzjoni [27].

24 Ara, b'mod partikolari, il-punti minn 31 sa 35 ta' din is-sentenza.

25 Ir-riżultat tal-evalwazzjoni ta' din il-ġurisprudenza ma huwiex, fil-fehma tiegħi, kontradett bis-sentenza tal-14 ta' April 2016, Sparkasse Allgäu (C-522/14, EU:C:2016:253) li għaliha għamel riferiment il-Gvern Ġermaniż fis-seduta. F'din is-sentenza l-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat li l-Artikolu 49 TFUE ma jipprekludix leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li timponi fuq l-istituzzjonijiet ta' kreditu nazzjonali li għandhom is-sede tagħhom f'dan l-Istat Membru li jikkomunikaw lill-awtoritajiet nazzjonali l-attiv miżmum jew ġestit fl-imsemmija frieġħi mhux indipendenti stabbiliti fi Stat Membru ieħor, fil-każ tal-mewt tal-proprjetarju ta' dan l-attiv li jirrisjedi fl-ewwel Stat Membru, meta t-tieni Stat Membru ma jipprevedix obbligu ta' komunikazzjoni paragunabbli u meta l-istituzzjonijiet ta' kreditu huma suġġetti għal sigriet bankarju protett b'sanzjonijiet kriminali. F'din is-sentenza l-Qorti tal-Ġustizzja, essenzjalment, irrikonoxxiet il-libertà tal-Istati Membri li jestendu għall-frieġħi mhux indipendenti attivi barra mill-pajjiż ta' istituzzjonijiet ta' kreditu nazzjonali obbligu direttt li jiżgura l-effikaċja tal-kontrolli fiskali (ara, speċifikament, il-punt 29 tas-sentenza).

26 Dwar il-kunċett ta' "restrizzjoni tal-moviment liberu tal-kapital", ara l-punt 40 preċedenti.

27 Il-Gvern Ġermaniż fis-seduta b'mod espliċitu għamel riferiment għall-osservazzjonijiet ippreżentati mill-Kummissjoni fil-kawża pendenti C-565/18, Société Générale.

57. Madankollu, huwa biss fil-każijiet li fihom taxxa la tkun diskriminatorja b'mod manifest u lanqas b'mod moħbi u għalhekk tkun imposta b'mod uniformi fuq iċ-ċittadini kollha tal-Unjoni, jew fuq l-operaturi kollha li jħallsu f'sitwazzjoni simili, li ma tiġix stabbilita fil-prinċipju sitwazzjoni rilevanti kkaratterizzata mid-dritt tal-Unjoni. Meta, madankollu, l-applikazzjoni tal-kriterji previsti mil-leġiżlazzjoni fiskali nazzjonali għandha bħala konsegwenza trattament iktar sfavorevoli għall-persuni mhux residenti milli għal persuni residenti, l-awtonomija fiskali tal-Istati Membri ssib limitu fir-regoli tat-Trattat FUE dwar il-libertajiet fundamentali [28].

58. F'dan ir-rigward, inżid li n-neċessità li jiġu rrispettati l-libertajiet fundamentali żgurati mit-Trattat FUE, li tillimita l-eżerċizzju tal-awtonomija fiskali tal-Istati Membri, timplika li dawn, meta jiddeterminaw, fl-eżerċizzju ta' tali awtonomija, kundizzjonijiet sabiex persuna tkun tista' tibbenefika minn sistema fiskali pprivileġġata, ma jistgħux jipprevedu rekwiżiti tali li jkun impossibbli jew eċċessivament diffiċli għall-persuni mhux residenti sabiex jissodisfawhom.

59. Dan ifisser, fil-fehma tiegħi, li, fl-applikazzjoni ta' rekwiżit previst mil-leġiżlazzjoni nazzjonali sabiex persuna tkun tista' tibbenefika minn sistema fiskali favorevoli, meta jintwera li huwa impossibbli jew eċċessivament diffiċli għal persuna mhux residenti sabiex tissodisfa tali rekwiżit, l-Istat Membru inkwistjoni ma jistax jagħti trattament iddifferenzjat minħabba l-fatt li tali rekwiżit ma ġiex issodisfatt, meta, fuq il-bażi tal-leġiżlazzjoni tal-Istat Membru ta' residenza tal-persuna kkonċernata, jista' jiġi kkunsidrat li tali rekwiżit ġie, essenzjalment, issodisfat.

60. F'każijiet bħal dawn, hija madankollu l-persuna kkonċernata mhux residenti li għandha turi quddiem l-awtoritajiet fiskali tal-Istat Membru inkwistjoni kemm is-sitwazzjoni ta' impossibbiltà jew diffikultà eċċessiva sabiex tissodisfa eżattament ir-rekwiżit previst mil-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni kif ukoll l-osservanza sostanzjali ta' dan ir-rekwiżit fl-applikazzjoni tad-dritt nazzjonali tal-Istat Membru tar-residenza jew stabbiliment tagħha.

61. Għal dak li finalment għandu x'jaqsam, ir-raba' nett, mal-eżistenza possibbli ta' ġustifikazzjonijiet, jeħtieġ li jiġi mfakkar li, konformement mal-Artikolu 65(1)(a) TFUE, l-Artikolu 63 TFUE ma jippreġudikax, madankollu, id-dritt tal-Istati Membri li japplikaw id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-leġiżlazzjoni fiskali tagħhom li skonthom hemm distinzjoni bejn il-persuni taxxabbli li ma jinsabux fl-istess sitwazzjoni għal dak li jirrigwarda l-post ta' residenza jew il-post tal-kapital tagħhom.

62. F'dan ir-rigward, minn ġurisprudenza stabbilita jirriżulta li din id-dispożizzjoni, li tikkostitwixxi deroga mill-prinċipju fundamentali tal-moviment liberu tal-kapital, għandha tingħata interpretazzjoni restrittiva. Għaldaqstant, dan ma jistax jiġi interpretat fis-sens li kull leġiżlazzjoni fiskali li tagħmel distinzjoni bejn il-persuni taxxabbli skont il-post fejn ikunu residenti jew skont l-Istat Membru fejn jinvestu l-kapital tagħhom hija awtomatikament kompatibbli mat-Trattat FUE. Fil-fatt, id-deroga prevista fl-Artikolu 65(1)(a) TFUE hija fiha nnifisha limitata mill-Artikolu 65(3) TFUE, li jipprovdu li d-dispożizzjonijiet nazzjonali msemmija fil-paragrafu 1 preċedenti "m'għandhomx jikkostitwixxu mezz ta' diskriminazzjoni arbitrarja jew restrizzjoni moħbija fuq il-moviment liberu ta' kapital u ħlasijiet kif definit fl-Artikolu 63 [TFUE]" [29].

63. Għalhekk, hemm lok li d-differenzi fit-trattament permessi mill-Artikolu 65(1)(a) TFUE jiġu distinti mid-diskriminazzjonijiet ipprojbiti mill-Artikolu 65(3) TFUE. Issa, mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li, sabiex leġiżlazzjoni fiskali nazzjonali tkun tista' tiġi kkunsidrata bħala kompatibbli mad-dispożizzjonijiet tat-Trattat dwar il-moviment liberu tal-kapital, jeħtieġ li d-differenza fit-trattament tkun tikkonċerna sitwazzjonijiet li ma humiex oġġettivament paragunabbli jew li din id-differenza tkun iġġustifikata minn raġunijiet imperattivi ta' interess ġenerali [30].

28 Ara l-punti 39 u 47, *in fine*, ta' dawn il-konklużjonijiet u l-ġurisprudenza ċċitata.

29 Ara s-sentenza Fidelity Funds, punt 47 u l-ġurisprudenza ċċitata.

30 Ara s-sentenza Fidelity Funds, punt 48 u l-ġurisprudenza ċċitata.

64. Fost ir-raġunijiet imperattivi ta' interess ġenerali li, fil-ġurisprudenza tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja rrikonoxxiet b'mod partikolari n-neċessità li jiġi żgurat it-tqassim ibbilanċjat tas-setgħa ta' tassazzjoni bejn l-Istati Membri [31], in-neċessità li titħares il-koerenza tas-sistema fiskali [32], in-neċessità li tiġi ggarantita l-effikaċja tal-kontrolli fiskali [33], kif ukoll ir-regoli professjonali intiżi għall-protezzjoni tad-destinatarji tas-servizz, ir-reputazzjoni tajba tas-settur finanzjarju u l-protezzjoni tal-konsumaturi [34].

65. Huwa fid-dawl ta' dawn il-prinċipji tal-ġurisprudenza li jeħtieġ li tingħata risposta għat-tieni u t-tielet domanda preliminari magħmula mill-qorti tar-rinviju.

C. Fuq it-tieni domanda preliminari

66. Bit-tieni domanda preliminari tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 63 TFUE għandux jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni ta' Stat Membru, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li permezz tagħha jiġi miċħud lil UCITS mhux residenti r-rimbors tat-taxxa fuq id-dividendi, miżmuma fuq dividendi miksuba minn entitajiet stabbiliti f'dan l-Istat Membru, minħabba li din ma turix li ssodisfat ċerti rekwiżiti rigward il-kompożizzjoni tal-azzjonarji tagħha previsti mil-leġiżlazzjoni ta' dan l-Istat Membru.

67. Kif jista' jiġi konkluż mid-deskrizzjoni tal-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali mogħtija mill-qorti tar-rinviju, sabiex tkun tista' tikseb ir-rimbors tat-taxxa miżmuma, bħala taxxa fuq id-dividendi, f'każ ta' kisba ta' dividendi li jirriżultaw mill-ishma f'kumpanniji stabbiliti fil-Pajjiżi l-Baxxi, UCITS li tixtieq tibbenefika mill-istatus ta' UCFI kellha tagħti prova li tissodisfa r-rekwiżiti tal-azzjonisti indikati fil-punti preċedenti minn 14 sa 16, previsti mil-leġiżlazzjoni fis-seħħ fil-perijodu rilevanti għall-kawża prinċipali.

68. Mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta wkoll li l-għan imfittex mill-imsemmija rekwiżiti tal-azzjonisti kien dak li jiggarantixxi li s-sistema tal-UCFI tiġi użata esklużivament għat-tipi ta' investituri li għalihom hija intenzjonata. Għalhekk, essenzjalment, din hija kwistjoni ta' dispożizzjonijiet kontra l-abbuż.

69. Hekk kif inhi fformulata, id-domanda tal-qorti tar-rinviju tirrigwarda l-kompatibbiltà mal-Artikolu 63 TFUE tar-rekwiżit li *tiġi prodotta prova* li l-azzjonisti jissodisfaw ir-rekwiżiti u mhux il-kompatibbiltà ma' din id-dispożizzjoni tar-rekwiżiti nnifishom.

70. F'dan ir-rigward, jeħtieġ li jiġi osservat li l-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat li l-prinċipju tal-awtonomija fiskali tal-Istati Membri msemmi fil-punti 47 sa 49 ta' dawn il-konklużjonijiet jimplika li dawn tal-aħħar jiddeterminaw liema huma, skont is-sistema nazzjonali tagħhom, il-provi meħtieġa sabiex wieħed ikun jista' jibbenefika minn sistema fiskali speċifika [35].

71. Isegwi li l-amministrazzjoni finanzjarja ta' Stat Membru għandha d-dritt li teħtieġ mingħand il-persuna taxxabbli l-provi li hija tqis bħala neċessarji sabiex tevalwa jekk humiex issodisfatti l-kundizzjonijiet għall-għoti ta' benefiċċju fiskali previst mil-leġiżlazzjoni inkwistjoni u, konsegwentement, jekk għandux jingħata jew le dan il-benefiċċju [36].

31 Ara, *ex multis*, is-sentenza tal-10 ta' April 2014, Emerging Markets Series of DFA Investment Trust Company (C-190/12, EU:C:2014:249, punt 99 u l-ġurisprudenza ċċitata).

32 Sentenza tal-10 ta' Mejju 2012, Santander Asset Management SGIIC *et* (C-338/11 sa C-347/11, EU:C:2012:286, punt 50 u l-ġurisprudenza ċċitata).

33 Ara, b'mod partikolari, is-sentenza tad-9 ta' Ottubru 2014, van Caster (C-326/12, EU:C:2014:2269, punt 46 u l-ġurisprudenza ċċitata).

34 Sentenza tal-14 ta' Frar 2019, Milivojević (C-630/17, EU:C:2019:123 punt 71 u l-ġurisprudenza ċċitata).

35 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-30 ta' Ġunju 2011, Meilicke *et* (C-262/09, EU:C:2011:438, punt 37).

36 Ara s-sentenzi tal-10 ta' Frar 2011, Haribo Lakritzen Hans Riegel u Österreichische Sali (C-436/08 u C-437/08, EU:C:2011:61, punt 95 u l-ġurisprudenza ċċitata) u tat-30 ta' Ġunju 2011, Meilicke *et* (C-262/09, EU:C:2011:438, punt 45).

72. Madankollu, l-eżerċizzju ta' din l-awtonomija fiskali mill-Istati Membri għandu jsir skont l-obbligi li jirriżultaw mid-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari dawk imposti mid-dispożizzjonijiet tat-Trattat relatati mal-moviment liberu tal-kapital [37], li jfisser li l-benefiċjarji mhux residenti potenzjali ma jistgħux jiġu suġġetti għal oneri amministrattivi eċċessivi li jqegħduhom f'kundizzjoni ta' impossibbilità effettiva li jibbenefikaw mis-sistema fiskali inkwistjoni [38].

73. F'dan is-sens, l-obbligu li jiġu prodotti l-provi huwa preokkupanti jekk, pereżempju, ir-raġuni għalfejn ma jistax jiġi osservat hija riżultat tal-fatt li l-provi meħtieġa għandhom jiġu prodotti skont mudell nazzjonali u li dawn ma humiex adattati għas-sitwazzjonijiet li għandhom element estern, mingħajr madankollu ma jkunu neċessarji b'mod obbligatorju [39].

74. F'dan il-każ, mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li KA Deka ma setgħetx turi li ssodisfat ir-rekwiżiti tal-azzjonisti, previsti mil-leġiżlazzjoni rilevanti, minħabba s-sistema ta' kummerċ magħżula minnha, jiġifieri il-"global stream system", li ma tippermettilhiex tkun taf l-azzjonisti tagħha.

75. Jidher għalhekk li f'dan il-każ, il-problema tinsab f'qasam purament fattwali. Issa, anki jekk jitqies li finalment ma jkunx possibbli li tiġi prodotta din il-prova, għaliex l-UCITS inkwistjoni ma tkunx eventwalment f'pożizzjoni la legalment u lanqas materjalment li tikseb din l-informazzjoni, inqis li għandu jitqies li dan jifforma parti mill-isfera tagħha [40].

76. Għaldaqstant, fl-assenza ta' informazzjoni pprovduta ill-persuna kkonċernata, l-amministrazzjoni finanzjarja inkwistjoni tista', fil-fehma tiegħi, tirrifjuta li tagħti l-benefiċċju fiskali mitlub. Fil-fatt, b'mod simili għal dak li l-Qorti tal-Ġustizzja diġà stabbilixxiet, in-nuqqas ta' komunikazzjoni ta' informazzjoni li tesperjenza l-persuna kkonċernata ma huwiex, fil-prinċipju, problema li taffettwa lill-Istat Membru kkonċernat [41]. Fi kliem ieħor, kif ġie nnotat mill-qorti tar-rinviju, hija l-persuna kkonċernata li għandha tbati l-konsegwenzi tal-inkapaċità tagħha sabiex tagħti prova li ssodisfat ir-rekwiżiti previsti mil-leġiżlazzjoni fiskali rilevanti.

77. F'dawn iċ-ċirkustanzi, jirriżultaw tliet kunsiderazzjonijiet li, madankollu, xorta huma rilevanti f'dan ir-rigward.

78. Fl-ewwel lok, quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja ġie allegat li l-għoti lill-awtoritajiet fiskali tal-informazzjoni neċessarja sabiex jiġu ssodisfatti r-rekwiżiti tal-azzjonisti jkun ġuridikament impossibbli minħabba l-leġiżlazzjoni għall-protezzjoni tad-data personali.

79. F'dan ir-rigward qiegħed ninnota, qabel kollox, li l-istabbiliment ta' lista li tinkludi informazzjoni rigward l-azzjonisti u l-parteċipanti tal-UCITS (l-ismijiet tal-persuni fiżiċi li għandhom ishma fl-UCITS) u l-għoti tagħha lill-awtoritajiet fiskali tal-Pajjiżi l-Baxxi jikkostitwixxu "ipproċessar ta' data personali" skont l-Artikolu 2(b) tad-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward ta' l-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data [42], leġiżlazzjoni applikabbli fil-perijodu rilevanti għall-kawża prinċipali.

37 Ara, b'mod speċifiku fir-rigward tal-osservanza tal-kundizzjonijiet previsti minn leġiżlazzjoni fiskali, is-sentenza tat-30 ta' Ġunju 2011, Meilicke *et* (C-262/09, EU:C:2011:438, punt 45).

38 Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-10 ta' Frar 2011, Haribo Lakritzen Hans Riegel u Österreichische Salinen (C-436/08 u C-437/08, EU:C:2011:61, punti 96 u 97) u tat-30 ta' Ġunju 2011, Meilicke *et* (C-262/09, EU:C:2011:438, punt 46).

39 Ara, fl-istess sens, il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Kokott fil-kawżi magħquda Haribo Lakritzen Hans Riegel u Österreichische Salinen (C-436/08 u C-437/08, EU:C:2010:668, punt 54).

40 Ara, f'dan is-sens, il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Kokott fil-kawżi magħquda Haribo Lakritzen Hans Riegel u Österreichische Salinen (C-436/08 u C-437/08, EU:C:2010:668, punt 58).

41 Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-10 ta' Frar 2011, Haribo Lakritzen Hans Riegel u Österreichische Salinen (C-436/08 u C-437/08, EU:C:2011:61, punt 98) u tat-30 ta' Ġunju 2011, Meilicke *et* (C-262/09, EU:C:2011:438, punt 48).

42 ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 15, p. 355. Ara, f'dan ir-rigward, is-sentenza tas-27 ta' Settembru 2017, Puškár (C-73/16, EU:C:2017:725, punt 103).

80. F'dan ir-rigward jeħtieġ ukoll li jiġi nnotat li l-Artikolu 7(e) ta' din id-direttiva jistabbilixxi li l-ipproċessar ta' data personali huwa leċtu jekk "ikun meħtieġ biex isir ħidma fl-interess pubbliku jew fl-eżerċizzju ta' awtorità pubblika vestita fil-kontrollur jew f'parti terza li lilha jkun żvelat id-data".

81. Mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li l-irkupru tat-taxxi li għalihom jiġu stabbiliti d-dokumenti dwar l-azzjonisti jew il-parteċipanti tal-UCITS ikkonċernati mogħtija lill-awtoritajiet fiskali, għandu jkun ikkunsidrat bħala xogħol ta' interess pubbliku skont id-dispożizzjoni ċċitata [43], b'mod li huwa jista' jiġi kkunsidrat li jaqa' fil-kuntest tal-lista eżawrjenti u limitata tal-każijiet li fihom l-ipproċessar ta' data personali jista' jiġi kkunsidrat leċtu skont l-Artikolu 7 tad-Direttiva 95/46 [44].

82. Fit-tieni lok, jeħtieġ li jiġi nnotat li quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja ġie allegat li, fil-prattika, l-informazzjoni intiża sabiex tiġi mistħarrġa l-osservanza tar-rekwiżiti tal-azzjonisti hija meħtieġa mill-awtoritajiet fiskali tal-Pajjiżi l-Baxxi għall-UCITS mhux residenti biss u mhux għal dawk residenti. Hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika din iċ-ċirkustanza, iżda huwa evidenti li, jekk dan kellu jkun verament il-każ, applikazzjoni diskriminatorja ta' dan it-tip kontra l-UCITS mhux residenti għandha problemi ċari ta' kompatibbiltà mad-dritt tal-Unjoni.

83. Fit-tielet lok, jeħtieġ li jiġi vverifikat jekk id-dispożizzjonijiet fis-seħħ fil-perijodu rilevanti għall-kawża prinċipali, li kienu jipprevedu r-rekwiżiti tal-azzjonisti sabiex ikunu jistgħu jibbenefikaw mill-istatus ta' UCFI, bħala tali, jikkorrispondux jew le għal restrizzjoni għall-moviment liberu tal-kapital skont l-Artikolu 63 TFUE, skont it-termini indikati fil-punt 40 ta' dawn il-konklużjonijiet.

84. F'dan ir-rigward qiegħed ninnota, qabel kollox, li mid-deskrizzjoni mogħtija mill-qorti tar-rinviju jidher li, b'riżerva ta' dak innotat fil-punt 82 ta' dawn il-konklużjonijiet, dawn id-dispożizzjonijiet kienu indistintament applikabbli kemm għall-UCITS residenti, kif ukoll għal dawk mhux residenti fejn it-tnejn li huma kellhom jissodisfaw dawn ir-rekwiżiti sabiex jibbenefikaw mis-sistema tal-UCFI.

85. Minkejja dan, konformement mal-prinċipji tal-ġurisprudenza stabbiliti fil-punti 42 sa 45 ta' dawn il-konklużjonijiet, jeħtieġ li jiġi vverifikat jekk id-dispożizzjonijiet rigward ir-rekwiżiti tal-azzjonisti, minkejja li huma indistintament applikabbli, kinux jagħmlu riferiment għal kundizzjonijiet partikolari tas-suq nazzjonali bil-konsegwenza li jiddisswadu UCITS mhux residenti, li ma kinux f'pożizzjoni li jissodisfaw dawn il-kundizzjonijiet milli jwettqu investimenti fil-Pajjiżi l-Baxxi u l-investituri residenti fil-Pajjiżi l-Baxxi milli jwettqu investimenti f'UCITS mhux residenti.

86. F'dan ir-rigward, qiegħed ninnota li, fil-verżjoni fis-seħħ sal-emendi leġiżlattivi introdotti fl-2007, id-dispożizzjonijiet inkwistjoni kienu jipprevedu distinzjoni bejn impriżi li l-azzjonijiet jew l-ishma tagħhom kienu kkwotati fil-Borża ta' Amsterdam u impriżi li l-azzzjonijiet jew l-ishma tagħhom ma kinux. Tal-ewwel tip kien suġġett għar-rekwiżiti tal-azzjonisti, imsemmija fil-punt 15 preċedenti, li kienu inqas rigoruż meta mqabbla mar-rekwiżiti msemmija fil-punt 16 preċedenti, li, min-naħa l-oħra, it-tieni tip ta' impriżi kellu jirrispetta biex ikun jista' jibbenefika mill-istatus ta' UCFI.

87. Din id-differenza fit-trattament abbażi tal-kriterju tal-kwotazzjoni fil-Borża ta' Amsterdam hija kurjuża. Ma hijiex fil-fatt ċara r-raġuni għaliex dan il-kriterju għandu jkun rilevanti għall-issuġġettar tal-UCITS għal rekwiżiti inqas rigoruż sabiex ikollhom aċċess għas-sistema tal-UCFI. L-applikazzjoni ta' kriterju ta' dan it-tip tista' fil-fatt tfisser li, *de facto*, il-benefiċċju tal-istatus ta' UCFI kien aċċessibbli b'mod ipprivileġġat, jekk mhux esklużiv, għal entitajiet residenti, l-uniċi li kienu f'pożizzjoni li jissodisfaw ir-rekwiżiti msemmija, b'mod li jċaħħad entitajiet mhux residenti sostanzjalment simili mill-possibbiltà li jibbenefikaw mit-trattament fiskali pprivileġġat. Jekk dan kellu jkun il-każ, id-dispożizzjonijiet inkwistjoni jkunu jikkostitwixxu restrizzjoni skont it-termini msemmija fil-punti 44 u 45 ta' dawn il-konklużjonijiet.

43 Sentenza tas-27 ta' Settembru 2017, Puškár (C-73/16, EU:C:2017:725, punt 108).

44 Ibid, punt 105 u l-ġurisprudenza ċċitata).

88. Barra minn hekk, inqis li l-proċess tal-Qorti tal-Ġustizzja ma jinkludix informazzjoni suffiċjenti sabiex wieħed ikun jista' jasal għal konklużjoni rigward dan l-aspett. Għaldaqstant hija l-qorti tar-rinviju li għandha tiddetermina jekk id-dispożizzjonijiet inkwistjoni kinux jinvolvu jew le restrizzjoni tal-moviment liberu tal-kapital. B'mod partikolari, ikun rilevanti, *inter alia*, li jiġi vverifikat jekk il-maġġoranza l-kbira tal-UCITS ikkwotati fil-Borża ta' Amsterdam kinux effettivament stabbiliti fil-Pajjiżi l-Baxxi, b'mod li l-previżjoni ta' kundizzjonijiet ta' aċċess għas-sistema tal-UCFI iktar favorevoli għal dawn l-impriżi kienet tinvolvi, *de facto*, il-previżjoni ta' rekwiżit diskriminatorju fil-konfront tal-UCITS mhux residenti. Jista' jkun ukoll rilevanti li jiġi vverifikat jekk ir-rekwiżiti neċessarji sabiex jiġu kkwotati fil-Borża ta' Amsterdam, fil-perijodu rilevanti, kinux tali li, *de facto*, kien iktar diffiċli għal UCITS mhux residenti fil-Pajjiżi l-Baxxi li jissodisfaw dawn ir-rekwiżiti u li jiġu kkwotati fil-Borża ta' Amsterdam.

89. Fl-aħħar mill-aħħar, il-qorti tar-rinviju għandha tivverifika jekk l-applikazzjoni fil-konkret tar-rekwiżiti tal-azzjonisti kkostitwixxietx mod sigriet sabiex tiġi introdotta disparità inġusta fit-trattament bejn impriżi residenti u impriżi mhux residenti.

90. F'dan ir-rigward jeħtieġ ukoll li jiġi nnotat, minn naħa, li l-Gvern tal-Pajjiżi l-Baxxi ma ressaq l-ebda raġuni imperattiva ta' interess ġenerali li tista' tiġġustifika l-previżjoni tal-kriterju tal-kwotazzjoni fil-Borża ta' Amsterdam sabiex tissuġġetta l-UCITS għal rekwiżiti inqas rigoruż sabiex ikollhom aċċess għas-sistema tal-UCFI u, min-naħa l-oħra, li, skont l-emendi leġiżlattivi tal-2007, l-użu tal-kriterju tal-kwotazzjoni fil-Borża ta' Amsterdam ġie abolit u ssostitwit minn kriterju apparentament iktar newtrali [45].

91. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, fil-fehma tiegħi, it-tieni domanda preliminari magħmula mill-qorti tar-rinviju għandha tingħata risposta li l-Artikolu 63 TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix leġiżlazzjoni ta' Stat Membru, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li skontha jiġi rrifjutat lil UCITS mhux residenti r-rimbors tat-taxxa fuq id-dividendi, miżmuma fuq dividendi miksuba minn entitajiet stabbiliti f'dan l-Istat Membru, minħabba li din ma tipproduċix il-prova li tissodisfa ċerti rekwiżiti li jikkonċernaw il-kompożizzjoni tal-azzjonisti tagħha previsti mil-leġiżlazzjoni ta' dan l-Istat Membru, bil-kundizzjoni li, l-ewwel nett, il-konformità mar-rekwiżiti tal-azzjonisti tiġi meħtieġa mill-awtoritajiet fiskali b'mod ugwali kemm għall-UCITS residenti kif ukoll għal dawk mhux esidenti u, it-tieni nett, li d-differenza fit-trattament abbażi tal-kriterju tal-kwotazzjoni f'borża ta' Stat Membru, f'dan il-każ fil-Borża ta' Amsterdam ma tkunx tinkludi, *de facto*, trattament ipprivileġġat għall-impriżi residenti fl-imsemmi Stat Membru, kwistjoni li hija għall-qorti tar-rinviju sabiex tiddetermina.

D. Fuq it-tielet domanda preliminari

92. Bit-tielet domanda preliminari tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk l-Artikolu 63 TFUE għandux jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni ta' Stat Membru, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li permezz tagħha jiġi rrifjutat lil UCITS mhux residenti r-rimbors tat-taxxa fuq id-dividendi miżmuma fuq dividendi miksuba minn entitajiet stabbiliti f'dan l-Istat Membru minħabba l-fatt li din l-UCITS ma ssodisfatx l-obbligu li tqassam lill-azzjonisti jew lill-parteċipanti tagħha l-profitti mqassma minn entitajiet residenti f'dan l-Istat Membru fi żmien tmien xhur mill-għeluq tas-sena finanzjarja tagħha. Dan anki jekk, skont il-leġiżlazzjoni tal-Istat Membru li fih l-UCITS mhux residenti hija stabbilita, dawn il-profitti jiġu kkunsidrati bħala mqassma jew jiġu inklużi fit-taxxa li l-Istat Membru ta' residenza tal-UCITS jiġbor mill-imsemmija azzjonisti jew parteċipanti bħallikieku dawn il-profitti kienu ġew imqassma. Bil-maqlub, ir-rimbors inkwistjoni jingħata lil UCITS residenti li tissodisfa l-imsemmi obbligu, prevja tnaqqis tat-taxxa tal-Istat Membru inkwistjoni fuq id-dividendi.

45 Ara l-punt 18 ta' dawn il-konklużjonijiet. Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja ma għandhiex informazzjoni preċiża dwar dan il-kriterju l-ġdid.

93. Din id-domanda preliminari tqajjem serje ta' problemi delikati rigward l-istabbiliment tal-limiti għas-setgħa ta' tassazzjoni tal-Istati Membri u l-possibbiltà relattiva tagħhom li jiddeterminaw il-kundizzjonijiet tas-sistemi fiskali nazzjonali, imsemmija fil-punti 47 sa 49 preċedenti, minħabba n-neċessità li tiżgura l-eżerċizzju tal-libertajiet fundamentali ggarantiti mit-Trattat FUE u, f'dan il-każ, tal-moviment liberu tal-kapital.

94. Il-previżjoni tal-obbligu ta' tqassim mill-ġdid tal-profitti li għalih tagħmel riferiment it-tielet domanda preliminari hija marbuta mal-għan imfittex mis-sistema rigward l-UCFI. Kif ġie nnotat fil-punt 6 ta' dawn il-konklużjonijiet din is-sistema tfittex li tilħaq l-għan li tassimila l-operaturi li jinvestu permezz ta' UCFI mal-persuni fiżiċi li jwettqu investimenti diretti, sabiex b'hekk, b'dan il-mod jiġi evitat ir-riskju ta' taxxa doppja li tkun tirriżulta jekk id-dividendi mqassma kellhom ikunu suġġetti għal taxxa fuq l-UCITS ikkonċernata u fuq il-parteċipanti tagħha. Is-sistema tal-UCFI tirrigwarda żewġ mekkaniżmi: minn naħa, l-eżenzjoni mit-taxxa fuq id-dividendi tal-UCFI, li tirriżulta permezz tar-rimbors tat-taxxa miżmuma fuq id-dividendi mħallsa mill-kumpanniji Olandiżi, u, min-naħa l-oħra, l-obbligu tat-tqassim mill-ġdid tal-profitti.

95. Kif ġie spjegat mill-Gvern tal-Pajjiżi l-Baxxi fl-osservazzjonijiet bil-miktub tiegħu, l-obbligu ta' tqassim mill-ġdid huwa strettament marbut ma' dak, imsemmi fil-punt 12 preċedenti, fuq l-UCFI li jiġbru fil-mument ta' tqassim tal-profitti, b'taxxa f'ras il-għajn, it-taxxa Olandiża fuq id-dividendi tal-azzjonisti jew il-parteċipanti tagħhom. B'dan il-mod, il-ġbir tat-taxxa fuq id-dividendi huwa mċaqlaq mil-livell tal-UCFI għal-livell tal-azzjonisti jew tal-parteċipanti ta' dawn il-fondi.

96. L-obbligu ta' tqassim mill-ġdid huwa indistintament applikabbli kemm għal UCITS Olandiżi kif ukoll għal UCITS mhux residenti u huwa obbligu ta' tqassim mill-ġdid *effettiv* tal-profitti.

97. Id-dubji tal-qorti tar-rinviju tqajmu fir-rigward tar-rifjut ta' rimbors lil KA Deka tat-taxxa f'ras il-għajn, miżmuma fuq id-dividendi mħallsa minn kumpanniji stabbiliti fil-Pajjiżi l-Baxxi, minħabba n-nuqqas ta' osservanza ta' dan l-obbligu ta' tqassim mill-ġdid effettiv. Tali dubji huma relatati mal-leġiżlazzjoni Ġermaniża, l-Istat Membru ta' stabbiliment ta' KA Deka. Fil-fatt, il-leġiżlazzjoni fiskali fis-seħħ fil-Ġermanja fil-perijodu rilevanti għall-kawża prinċipali kienet tikkunsidra li għall-persuni fiżiċi parteċipanti f'UCITS jiġi mqassam ammont minimu (teoretiku) ta' dividendi u kienet tipprevedi, f'każ li dan l-ammont minimu ma jintlaħaqx, it-teħid inkunsiderazzjoni tal-ammonti addizzjonali fittizji [46].

98. Fil-mori tal-kawża, irriżultaw żewġ argumenti kontra xulxin rigward il-kwistjoni dwar jekk, fid-dawl ta' leġiżlazzjoni ta' dan it-tip fl-Istat Membru ta' residenza tal-UCITS mhux residenti, ir-rifjut imsemmi iktar 'il fuq tat-taxxa, minħabba li ma ġiex issodisfat l-obbligu tat-tqassim mill-ġdid effettiv, jikkostitwixxix jew le restrizzjoni kuntrarja għall-Artikolu 63 TFUE.

99. Minn naħa, KA Deka, sostnuta, mill-Ordni ta' Konsulenti Fiskali tal-Pajjiżi l-Baxxi u mill-kumpannija Loyens en Loeff, issostni li, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, UCITS mhux residenti għandu jkollha l-possibbiltà li tagħti prova li tissodisfa fl-Istat Membru ta' stabbiliment tagħha kundizzjonijiet li huma ekwivalenti għal dawk applikabbli fil-Pajjiżi l-Baxxi [47]. Peress li fid-dritt Ġermaniż il-profitt mhux imqassam kien intaxxat fil-livell tal-parteċipant daqslikieku kien tqassam,

46 B'mod iktar speċifiku, mid-deskrizzjoni inkluża fid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li s-sistema fiskali Ġermaniża, fil-perijodu rilevanti, għall-għanijiet tad-determinazzjoni tal-ammont taxxabbli kienet tikkunsidra li lill-individwi li kellhom ishma f'fond speċjali ta' investiment kellu jiġi mqassam ammont minimu (teoretiku) ta' dividendi. Fil-każ li d-dividendi effettivament imqassma ma kinux jippermettu li jintlaħaq dan l-ammont minimu, il-bażi taxxabbli kienet tiżdied b'teħid inkunsiderazzjoni tal-ammonti addizzjonali fittizji (imsejħa "ausschuttungsgleiche Erträge"). Fuq l-ammont taxxabbli ddeterminat b'dan il-mod, l-individwi li kellhom ishma f'UCITS kienu jibbenefikaw minn eżenzjoni ugwali għan-nofs ta' dan l-ammont taxxabbli. Sal-2004, il-leġiżlazzjoni Ġermaniża ta' dak iż-żmien kienet tippermetti lil individwu parteċipant ta' UCITS jagħmel imputazzjoni sħiħa, fuq it-taxxa Ġermaniża miġbura fuq dak in-nofs tal-ammont taxxabbli msemmi iktar 'il fuq li huwa suġġett għat-taxxa, tat-taxxa fuq id-dividendi miżmuma fil-Pajjiżi l-Baxxi fil-konfront tal-fond tal-investiment. Wara emenda leġiżlattiva, din il-possibbiltà ta' imputazzjoni ġiet limitata bejn l-2004 u l-2008 għal nofs it-taxxa Olandiża miġbura f'ras il-għajn, u iktar minn hekk, din l-imputazzjoni ma baqgħetx possibbli jekk l-UCITS tkun iddeċidiet li tnaqqas mid-dividendi t-taxxa barranija miġbura f'ras il-għajn.

47 KA Deka tagħmel riferiment għas-sentenza tas-6 ta' Ottubru 2011, Il-Kummissjoni vs Il-Portugall (C-493/09, EU:C:2011:635, punt 46).

tirriżulta f'dan il-każ kundizzjoni ekwivalenti għall-obbligu ta' tqassim mill-ġdid previst mid-dritt tal-Pajjiżi l-Baxxi. Bil-maqlub, li jiġi rikjest li l-kundizzjonijiet previsti fil-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni u f'dik tal-Istat Membru ta' stabbiliment l-UCITS mhux residenti jkunu assolutament identiċi sabiex wieħed ikun jista' jibbenefika mis-sistema fiskali favorevoli, ikun ekwivalenti għal preġudizzju għall-moviment liberu tal-kapital, peress li, bħala parti minn ordinament ġuridiku ieħor, fond barrani ma jista' prattikament qatt jissodisfa l-kundizzjonijiet previsti mil-leġiżlazzjoni tal-Pajjiżi l-Baxxi.

100. Il-Kummissjoni taqbel essenzjalment ma' din il-fehma u ssostni li għandu jiġi kkunsidrat bħala mhux konformi mal-Artikolu 63 TFUE r-rifjut li jiġu kkunsidrati, għall-għanijiet tar-rimbors tat-taxxa fuq id-dividendi, l-obbligi ta' distribuzzjoni previsti fl-Istat Membru ta' stabbiliment l-UCITS mhux residenti li jkunu komparabbli, anki jekk mhux identiċi, ma' dawk previsti mil-leġiżlazzjoni inkwistjoni.

101. Min-naħa l-oħra, madankollu, il-Gvern Ġermaniż isostni li d-dispożizzjonijiet tat-Trattat FUE fil-qasam tal-libertajiet fundamentali ma jistgħux jobbligaw Stat Membru, bħall-Pajjiżi l-Baxxi f'din il-kawża, sabiex jieħu inkunsiderazzjoni l-leġiżlazzjoni fiskali ta' Stat Membru ieħor bħal dik Ġermaniża f'din il-kawża. Bħala bażi għall-argument tiegħu, dan il-gvern jagħmel riferiment għall-ġurisprudenza, imsemmija fil-punt 49 ta' dawn il-konklużjonijiet, li skontha Stat Membru la huwa obbligat jadatta s-sistema fiskali tiegħu għas-sistemi ta' tassazzjoni differenti tal-Istati Membri l-oħra u lanqas li jieħu inkunsiderazzjoni, għall-għanijiet tal-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni fiskali tiegħu, il-konsegwenzi possibbilment sfavorevoli li jirriżultaw mill-ispeċifiċitajiet tal-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru ieħor.

102. Skont il-Gvern tal-Pajjiżi l-Baxxi, fl-osservazzjonijiet bil-miktub tiegħu, huwa sostna argument essenzjalment ekwivalenti għal dak tal-Gvern Ġermaniż. Madankollu, fis-seduta, dan il-gvern jidher li sfuma l-pożizzjoni tiegħu meta sostna li jistgħu jittieħdu inkunsiderazzjoni l-miżuri ta' Stat Membru ieħor li jwasslu għal riżultat komparabbli mal-leġiżlazzjoni tal-Pajjiżi l-Baxxi, pereżempju fil-każ li UCITS mhux residenti tkun ikkunsidrata fl-Istat Membru tagħha, fuq il-bażi ta' finzjoni leġiżlattiva, li qassmet ammont ta' dividendi ekwivalenti għal dak li kien ikollha tqassam UCITS residenti sabiex tibbenefika mill-istatus ta' UCFI.

103. Huwa f'dan il-kuntest, li jeħtieġ li tiġi evalwata t-tielet domanda magħmula mill-qorti tar-rinviju.

1. Fuq l-eżistenza ta' restrizzjoni għall-moviment liberu tal-kapital

104. Jeħtieġ li, qabel kollox, jiġi vverifikat jekk, f'każ bħal dan pendenti quddiem il-qorti tar-rinviju, ir-rifjut mill-awtoritajiet fiskali nazzjonali tar-rimbors tat-taxxa fuq UCITS mhux residenti li ma ssodisfatx l-obbligu ta' tqassim mill-ġdid effettiv tal-profitti previst mil-leġiżlazzjoni nazzjonali, iżda li f'dan l-istess Stat Membru ta' stabbiliment dawn il-profitti huma kkunsidrati bħala mqassma jew huma inklużi fit-taxxa li dan l-Istat Membru jiġbor mill-azzjonisti jew parteċipanti tagħha, jikkostitwixxix jew le restrizzjoni tal-moviment liberu tal-kapital skont l-Artikolu 63 TFUE.

105. F'dan ir-rigward infakkar li tikkostitwixxi restrizzjoni tal-moviment liberu tal-kapital kull dispożizzjoni li trendi t-trasferiment transkonfinali tal-kapital iktar oneruż jew inqas attraenti u għalhekk hija tali li tiddisswadi lill-investitur [48].

48 Ara l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Kokott fil-kawża Manninen (C-319/02, EU:C:2004:164, punt 28) b'riferiment għas-sentenza tas-16 ta' Marzu 1999, Trummer u Mayer (C-222/97, EU:C:1999:143, punt 26). Ara wkoll il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Mengozzi fil-kawża Amurta (C-379/05, EU:C:2007:323, punt 28).

106. F'din il-kawża, minkejja li l-obbligu ta' tqassim mill-ġdid effettiv huwa applikabbli indistintament għal UCITS residenti u għal UCITS mhux residenti, dan, fil-fehma tiegħi, jista' jipproduċi effetti restrittivi rigward ċerti kategoriji ta' UCITS mhux residenti.

107. L-applikazzjoni konkreta ta' obbligu ta' dan it-tip għandha, infatti, bħala konsegwenza l-issuġġettar għal trattament fiskali differenti, minn naħa, ta' UCITS residenti [49], li ssodisfat l-obbligu ta' tqassim mill-ġdid effettiv u, min-naħa l-oħra, ta' UCITS mhux residenti, li ma ssodisfatx b'mod formali dan l-obbligu, għaliex għaliha jirriżulta impossibbli jew eċċessivament diffiċli sabiex tissodisfah [50], iżda li l-profitti tagħha huma kkunsidrati bħala mqassma skont id-dritt tal-Istat Membru ta' stabbiliment tagħha u huma għalhekk intaxxati hemm. Fil-fatt l-ewwel tip ta' UCITS jirċievi r-rimbors tat-taxxa f'ras il-għajn fuq id-dividendi mħallsa mill-kumpanniji stabbiliti fil-Pajjiżi l-Baxxi filwaqt li t-tieni tip ma jirċevix dan ir-rimbors.

108. Trattament iddifferenzjat ta' dan it-tip jista' jiddisswadi UCITS mhux residenti li għaliha huwa impossibbli jew eċċessivament diffiċli li tissodisfa l-obbligu ta' tqassim mill-ġdid effettiv, iżda li l-profitti tagħha jiġu kkunsidrati mqassma skont id-dritt tal-Istat Membru ta' stabbiliment tagħha u huma għalhekk intaxxati hemm, milli twettaq investiment f'kumpanniji li għandhom is-sede tagħhom fil-Pajjiżi l-Baxxi. L-UCITS li jagħmlu parti minn din il-kategorija, kuntrarjament għall-UCITS residenti, ma jistgħu qatt, fil-fatt, jibbenefikaw mir-rimbors tat-taxxa f'ras il-għajn fuq id-dividendi mħallsa minn kumpanniji stabbiliti fil-Pajjiżi l-Baxxi. F'każijiet bħal dawn, dan it-trattament iddifferenzjat jista' wkoll jiddisswadi persuni taxxabbli residenti fil-Pajjiżi l-Baxxi milli jwettqu investimenti f'tali impriżi [51], għaliex dawn l-investimenti jkunu inqas attraenti fir-rigward tal-kisba ta' azzjonijiet jew ishma ta' UCITS residenti.

109. Konformement ma' dak li ġie nnotat fil-punt 60 preċedenti, f'każijiet bħal dawn, hija l-UCITS mhux residenti li għandha tipproduċi l-prova quddiem l-awtoritajiet fiskali tal-Istat Membru inkwistjoni, fl-ewwel lok, tas-sitwazzjoni tagħha ta' impossibbiltà jew diffikultà eċċessiva sabiex tissodisfa eżattament ir-rekwiżit previst mil-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni, jiġifieri f'din il-kawża l-obbligu ta' tqassim mill-ġdid effettiv tal-profitti, u, fit-tieni lok, l-osservanza sostanzjali ta' dan ir-rekwiżit fl-applikazzjoni tad-dritt nazzjonali tal-Istat Membru ta' stabbiliment tagħha, jiġifieri f'din il-kawża ċ-ċirkustanza li skont dan id-dritt tali profitti jiġu kkunsidrati mqassma u huma suġġetti għat-taxxa hemmhekk.

110. Minn dawn il-kunsiderazzjonijiet jirriżulta li, fil-fehma tiegħi, il-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawżi prinċipali tikkostitwixxi restrizzjoni għall-moviment liberu tal-kapital, ipprojbita, fil-prinċipju, mill-Artikolu 63 TFUE.

2. Fuq il-komparabbiltà tas-sitwazzjonijiet inkwistjoni fil-kawża prinċipali

111. Madankollu, il-kwistjoni fundamentali f'din il-kawża hija l-verifika ta' jekk iż-żewġ sitwazzjonijiet indikati fil-punt 107 preċedenti, jiġifieri dik ta' UCITS residenti li ssodisfat l-obbligu ta' tqassim mill-ġdid effettiv u dik ta' UCITS mhux residenti, li għaliha jkun impossibbli jew eċċessivament diffiċli li tissodisfa dan l-obbligu u li fl-Istat Membru ta' stabbiliment tagħha l-profitti jiġu kkunsidrati bħala mqassma u jiġu għalhekk intaxxati hemmhekk, humiex oġġettivament komparabbli. Li kieku dan ma kienx il-każ, fil-fatt, fl-applikazzjoni tal-prinċipji msemmija fil-punti 61 sa 63 preċedenti, il-fatt li tiġi eskluża mir-rimbors tat-taxxa t-tieni kategorija ta' UCITS jista' jiġi kkunsidrat bħala ġġustifikat minn differenza ta' sitwazzjoni oġġettiva bejn iż-żewġ kategoriji ta' UCITS inkwistjoni [52].

49 Minħabba li r-rekwiżit huwa indistintament applikabbli, teoretikament anki UCITS mhux residenti tista' tissodisfa l-obbligu ta' tqassim mill-ġdid effettiv. Matul is-seduta madankollu ġie enfasizzat kif, fil-fatt, prattikament l-ebda UCITS barranija ma qatt irnexxielha tikseb l-istatus ta' UCFI.

50 Dan jista' jkun il-każ, pereżempju, minħabba kunflitti jew inkompatibbiltà mal-leġiżlazzjoni tal-Istat Membru ta' stabbiliment tal-UCITS. Matul is-seduta ngħataw ħafna eżempji ta' sitwazzjonijiet ta' dan it-tip.

51 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza Fidelity Funds, punti 42 sa 44 u l-ġurisprudenza ċċitata.

52 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza Fidelity Funds, punt 49.

112. Ċertament, risposta sempliċi għal din il-kwistjoni tkun dik li tikkonkludi li teżisti differenza ta' sitwazzjoni oġġettiva: il-fatt li l-UCITS li ssodisfaw l-obbligu ta' tqassim mill-ġdid effettiv, obbligu previst mill-Pajjiżi l-Baxxi fl-applikazzjoni tal-awtonomija fiskali tagħhom irrikonoxxuta mid-dritt tal-Unjoni, jinsabu f'sitwazzjoni oġġettivament differenti mill-UCITS li ma ssodisfawx dan l-obbligu, huwa li jiġġustifika t-trattament fiskali differenti.

113. Madankollu, inqis li, fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet magħmula fil-punti 58 sa 60 preċedenti, il-kwistjoni jixirqilha evalwazzjoni iktar profonda.

114. F'dan ir-rigward, mill-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li l-komparabbiltà jew in-nuqqas tal-komparabbiltà ta' sitwazzjoni transkonfinali ma' sitwazzjoni interna għandha tiġi eżaminata fid-dawl tal-għan imfittex mid-dispożizzjonijiet nazzjonali inkwistjoni kif ukoll tal-għan u l-kontenut ta' dawn tal-aħħar [53].

115. Huwa għalhekk fid-dawl tal-għan tas-sistema rigward l-UCFI li magħha, kif irrilevat, hija marbuta l-previżjoni tal-obbligu ta' tqassim mill-ġdid effettiv [54] li jeħtieġ tiġi evalwata l-komparabbiltà taż-żewġ sitwazzjonijiet inkwistjoni, imsemmija fil-punt 111 preċedenti.

116. Din is-sistema tfittex fundamentalment l-għan li tevita, għat-tipi ta' investituri li għalihom hija intenzjonata, it-taxxa doppja tad-dividendi miksuba minn kumpanniji stabbiliti fil-Pajjiżi l-Baxxi, billi ċċaqlaq it-taxxa mil-livell tal-UCITS għal dak tal-azzjonisti jew il-parteċipanti tagħha.

117. F'dan ir-rigward, inqis, fl-ewwel lok, li, għal dak li jikkonċerna l-kisba mill-UCITS ta' dividendi ta' kumpanniji Olandiżi, iż-żewġ sitwazzjonijiet inkwistjoni huma oġġettivament komparabbli rigward l-għan imfittex mid-dispożizzjonijiet nazzjonali inkwistjoni.

118. Fil-fatt, meta jiksbu dawn id-dividendi, kemm UCITS residenti, kif ukoll UCITS mhux residenti huma, inizjalment, suġġetti, skont il-leġiżlazzjoni tal-Pajjiżi l-Baxxi, għal taxxa f'ras il-għajn bħala taxxa fuq id-dividendi (taxxa li mbagħad, eventwalment, tingħata lura).

119. F'dan ir-rigward, mill-ġurisprudenza jirriżulta li, mill-mument meta Stat Membru, b'mod unilaterali jew permezz ta' ftehim, jissuġġetta għat-taxxa fuq id-dħul, inklużi d-dividendi mhux biss lill-kumpanniji residenti, iżda anki lill-kumpanniji mhux residenti, fir-rigward tad-dħul li huma jirċievu mingħand kumpannija residenti, is-sitwazzjoni tal-imsemmija kumpanniji mhux residenti toqrob lejn dik tal-kumpanniji residenti [55].

120. Fil-fatt, huwa s-sempliċi eżerċizzju minn dan l-istess stat tal-kompetenza fiskali tiegħu li, indipendentement minn kull tassazzjoni fi Stat Membru ieħor, jagħti lok għal riskju ta' sensiela ta' taxxi jew ta' taxxa doppja ekonomika. F'tali każ, sabiex il-kumpanniji benefiċjarji mhux residenti ma jkunux ikkonfrontati minn restrizzjoni għall-moviment liberu tal-kapital, ipprojbita, fil-prinċipju, mill-Artikolu 63 TFUE, l-Istat Membru ta' residenza tal-kumpannija distributriċi għandu jara li, fir-rigward tal-proċedura prevista mid-dritt nazzjonali tiegħu sabiex tipprevjeni jew tnaqqas is-sensiela ta' ntaxxar jew it-taxxa ekonomika doppja, il-kumpanniji mhux residenti jiġu suġġetti għal trattament ekwivalenti għal dak li jibbenefikaw minnu l-kumpanniji residenti [56].

53 Ara s-sentenza Fidelity Funds, punt 50 u l-ġurisprudenza ċċitata.

54 Ara l-punti 94 u 95 ta' dawn il-konklużjonijiet.

55 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza Fidelity Funds, punt 54 u l-ġurisprudenza ċċitata.

56 Ara s-sentenza Fidelity Funds, punt 55, u l-ġurisprudenza ċċitata.

121. Peress li l-Pajjiżi l-Baxxi għażlu li jeżerċitaw il-kompetenza fiskali tagħhom fuq id-dħul, speċifikament fuq id-dividendi, miksuba mill-UCITS mhux residenti, dawn jinsabu għalhekk f'sitwazzjoni komparabbli għal dik ta' UCITS residenti fil-Pajjiżi l-Baxxi f'dak li jirrigwarda r-riskju ta' taxxa ekonomika doppja tad-dividendi mħallsa mill-kumpanniji residenti fil-Pajjiżi l-Baxxi [57].

122. Jeħtieġ però li, fit-tieni lok, tiġi evalwata l-komparabbiltà taż-żewġ sitwazzjonijiet inkwistjoni rigward iċ-ċaqliq tat-taxxa tad-dividendi mħallsa minn kumpanniji Olandiżi mil-livell tal-UCITS għal dak tal-azzjonisti jew parteċipanti tagħhom.

123. Madankollu, anki fir-rigward ta' dan, iż-żewġ sitwazzjonijiet inkwistjoni huma, fil-fehma tiegħi, oġġettivament komparabbli rigward l-għan li jevitaw it-taxxa doppja tad-dividendi fuq kumpanniji stabbiliti fil-Pajjiżi l-Baxxi.

124. Fil-fatt, UCITS residenti li, fl-applikazzjoni tal-obbligu ta' tqassim mill-ġdid effettiv, tqassam il-profitti tagħha kollha – li jirriżultaw mill-kisba ta' dividendi ta' kumpanniji stabbiliti fil-Pajjiżi l-Baxxi – tinsab f'sitwazzjoni komparabbli għal UCITS mhux residenti li ma setgħetx tissodisfa dan l-obbligu minħabba sitwazzjoni ta' impossibbiltà jew diffikultà eċċessiva, iżda li l-profitti tagħha – li jirriżultaw mill-kisba ta' dividendi ta' kumpanniji stabbiliti fil-Pajjiżi l-Baxxi – huma, fl-Istat Membru ta' stabbiliment tagħha kkunsidrati bħala mqassma lill-azzjonisti jew lill-parteċipanti tagħha, f'terminu raġonevolment komparabbli għal dak previst mil-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni, u jiġu ntaxxati fuq dawn hemmhekk.

125. Fil-fatt, fiż-żewġ każijiet il-profitti tal-UCITS li jirriżultaw mid-dividendi miksuba mill-kumpanniji stabbiliti fil-Pajjiżi l-Baxxi jiġu suġġetti għal taxxa fil-livell tal-azzjonist jew tal-parteċipant tal-UCITS, u dan minħabba l-għażla ta' taxxa magħmula mill-Pajjiżi l-Baxxi. F'dan id-dawl, dawn iż-żewġ sitwazzjonijiet jidhru, għalhekk, oġġettivament komparabbli.

126. Li tinżamm it-taxxa biss kontra UCITS mhux residenti tad-dividendi miksuba minn kumpanniji Olandiżi, filwaqt li jiġi miċħud lilha r-rimbors tat-taxxa f'ras il-għajn miżmuma fuq dawn id-dividendi, meta, minkejja li din l-UCITS ma tkunx qassmet b'mod effettiv il-profitti li jirriżultaw minn dawn id-dividendi minħabba s-sitwazzjoni ta' impossibbiltà jew diffikultà eċċessiva sabiex tissodisfa l-obbligu ta' tqassim effettiv, dawn il-profitti jiġu, fl-Istat Membru ta' stabbiliment tagħha, ikkunsidrati bħala mqassma u jiġu ntaxxati fuq l-azzjonist jew il-parteċipant tidher, għalhekk, qisha trattament differenti ta' sitwazzjonijiet komparabbli, kuntrarjament, ukoll, għall-ilħuq tal-għan tal-leġiżlazzjoni inkwistjoni li tiġi evitata t-taxxa doppja.

127. Il-konklużjoni dwar il-komparabbiltà taż-żewġ sitwazzjonijiet inkwistjoni mhix imqiegħda f'dubju miċ-ċirkustanza li l-UCITS mhux residenti ma hijiex suġġetta għall-obbligu ta' taxxa f'ras il-għajn Olandiża fuq il-profitti li tħallas lill-azzjonisti jew parteċipanti tagħha, taxxa li sseħħ wara l-applikazzjoni tal-obbligu ta' tqassim mill-ġdid effettiv tal-profitti li jirriżultaw mill-kisba tad-dividendi ta' kumpanniji Olandiżi. Din iċ-ċirkustanza ma tikkostitwixxix, fil-fatt, differenza ta' sitwazzjoni oġġettiva li tista' tiġġustifika trattament iddifferenzjat bejn iż-żewġ sitwazzjonijiet inkwistjoni rigward ir-rimbors tat-taxxa f'ras il-għajn fuq id-dividendi tal-kumpanniji Olandiżi miksuba mill-UCITS.

128. Fil-fatt, skont il-ġurisprudenza, meta l-għan tal-leġiżlazzjoni fiskali inkwistjoni fil-kawżi prinċipali huwa li l-livell ta' taxxa jiġi mċaqlaq mill-vettura ta' investiment lejn l-azzjonist ta' din il-vettura, huma bħala prinċipju l-kundizzjonijiet materjali tas-setgħa ta' tassazzjoni fuq id-dħul tal-azzjonisti li għandhom jitqiesu bħala deċiżivi, u mhux it-teknika ta' tassazzjoni użata [58].

57 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza Fidelity Funds, punt 56, u l-ġurisprudenza ċċitata.

58 Ara s-sentenza Fidelity Funds, punt 60.

129. L-impossibbiltà li jiġu suġġetti għat-taxxa l-parteċipanti mhux residenti [59] fuq il-profitti mqassma minn UCITS mhux residenti, li jirriżultaw minn dividendi mħallsa minn kumpanniji Olandiżi, ma hija xejn ħlief il-konsegwenza loġika tal-għażla, magħmula mill-Pajjiżi l-Baxxi fl-applikazzjoni tal-awtonomija fiskali tagħhom, li jċaqalqu l-livell ta' taxxa mill-vettura ta' investiment lejn l-azzjonist [60].

130. Din l-impossibbiltà, li tirriżulta minn għażla awtonoma tal-Istat Membru, għalhekk ma hijiex riżultat ta' differenza ta' sitwazzjoni oġġettiva u ma tistax barra minn hekk, fid-dawl tal-kundizzjonijiet imsemmija fil-punt 111 ta' dawn il-kundizzjonijiet, tiġġustifika trattament fiskali ddifferenzjat rigward ir-rimbors tat-taxxa f'ras il-għajn tad-dividendi fil-livell tal-vetturi ta' investiment bejn UCITS residenti u mhux residenti minħabba l-fatt li dawn tal-aħħar ma humiex suġġetti għall-obbligu li jżommu t-taxxa fuq id-dividendi ta' kumpanniji Olandiżi mħallsa lill-azzjonisti jew parteċipanti tagħhom u li għalhekk dawn id-dividendi jevitaw, fil-każ ta' azzjonisti jew parteċipanti mhux residenti, it-taxxa tal-Pajjiżi l-Baxxi.

131. Ninnota, finalment, li l-Qorti tal-Ġustizzja diġà kkunsidrat espressament, fil-punt 84 tas-sentenza Fidelity Funds, il-possibbiltà li l-awtoritajiet fiskali tal-Istat Membru inkwistjoni (f'dan il-każ, ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi), minflok it-taxxa f'ras il-għajn fuq il-profitti mħallsa mill-parteċipanti bħal dik imsemmija fil-punt 12 preċedenti, jistgħu jieħdu inkunsiderazzjoni t-taxxa mħallsa minn UCITS mhux residenti lill-awtoritajiet fiskali tal-Istat Membru ta' stabbiliment tagħha skont il-leġiżlazzjoni fiskali tiegħu, sabiex jippermettu lil din l-UCITS tibbenefika mill-eżenzjoni favuriha (li tikkorrispondi għal ħlas lura, rilevanti f'din il-kawża) tat-taxxa f'ras il-għajn fuq id-dividendi.

132. Minn dawn il-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li, fil-fehma tiegħi, iż-żewġ sitwazzjonijiet indikati fil-punti 107 u 111 preċedenti huma oġġettivament komparabbli.

3. Fuq in-natura ġġustifikata tar-restrizzjoni

133. Il-Pajjiżi l-Baxxi ma ressqu l-ebda raġuni imperattiva ta' interess ġenerali bħala ġustifikazzjoni tal-leġiżlazzjoni inkwistjoni. F'dan ir-rigward, inqis, barra minn hekk, li l-kunsiderazzjonijiet magħmula mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza Fidelity Funds – li kif ġie nnotat kienet tirrigwarda leġiżlazzjoni simili għal dik fil-kawża prinċipali – rigward il-ġustifikazzjonijiet relattivi għan-neċessità li jiġi żgurat it-tqassim ibbilanċjat tas-setgħa ta' tassazzjoni bejn l-Istati Membri [61] u n-neċessità li titħares il-koerenza tas-sistema fiskali [62], huma essenzjalment applikabbli għas-sitwazzjoni ta' din il-kawża.

134. Fil-fatt, għal dak li jirrigwarda, fl-ewwel lok, it-tqassim ibbilanċjat tas-setgħa ta' tassazzjoni bejn l-Istati Membri, mill-ġurisprudenza jirriżulta li meta Stat Membru jkun iddeċieda li ma jintaxxax lill-UCITS residenti li jibbenefikaw minn dividendi ta' oriġini nazzjonali – bħal fis-sitwazzjoni fil-kawża prinċipali fl-applikazzjoni tar-rimbors tat-taxxa f'ras il-għajn fuq id-dividendi mħallsa mill-kumpanniji Olandiżi –, ma tistax tiġi invokata n-neċessità li jiġi żgurat tqassim ibbilanċjat tas-setgħa ta' tassazzjoni bejn l-Istati Membri bil-għan li tiġi ġġustifikata t-tassazzjoni tal-UCITS mhux residenti li jibbenefikaw minn dan id-dħul [63], jiġifieri, f'din il-kawża, mid-dividendi mħallsa mill-kumpanniji stabbiliti fil-Pajjiżi l-Baxxi.

59 Dwar il-parteċipanti residenti ta' UCITS mhux residenti ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi jista' fi kwalunkwe każ jeżerċita s-setgħa ta' tassazzjoni tiegħu minkejja li l-UCITS mhux residenti ma tiġix suġġetta għall-obbligu ta' taxxa f'ras il-għajn tal-profitti mqassma minnha.

60 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza Fidelity Funds, punt 62.

61 Ara l-punti 66 sa 76 tas-sentenza Fidelity Funds.

62 Ara l-punti 77 sa 86 tas-sentenza Fidelity Funds.

63 Ara l-punt 71 tas-sentenza Fidelity Funds u s-sentenza tal-10 ta' Mejju 2012, Santander Asset Management SGIIC *et* (C-338/11 sa C-347/11, EU:C:2012:286, punt 48 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċittata fih).

135. Iktar minn hekk, li Stat Membru jżomm taxxa f'ras il-għajn fuq id-dividendi ddistribwiti lill-UCITS mhux residenti, mingħajr ma jagħtiha lura, minħabba l-impossibbiltà li jżomm taxxa fuq id-distribuzzjoni kollha mwettqa minn dawn l-impriżi, ma jwassalx sabiex jiġi prekluż aġir li jista' jippreġudika d-dritt ta' dan l-Istat Membru li jeżerċita l-kompetenza fiskali tiegħu fir-rigward tal-attivitajiet imwettqa fit-territorju tiegħu, iżda, għall-kuntrarju, sabiex tiġi kkumpensata l-assenza ta' setgħa ta' tassazzjoni li tirriżulta mit-tqassim ibbilanċjat tas-setgħa ta' tassazzjoni bejn l-Istati Membri [64].

136. Għal dak li jirrigwarda, fit-tieni lok, in-neċessità li tiġi ppreżervata l-koerenza tas-sistema fiskali, mill-imsemmi punt 84 tas-sentenza Fidelity Funds jirriżulta li l-koerenza interna tas-sistema fiskali fit-tilwima fil-kawża prinċipali tista' tinżamm b'miżura inqas restrittiva mir-rifjut tar-rimbors tat-taxxa f'ras il-għajn.

137. Dan ikun il-każ jekk l-UCITS residenti fi Stat Membru li mhux ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi, li għalihom huwa impossibbli jew eċċessivament diffiċli li jissodisfaw l-obbligu ta' tqassim mill-ġdid effettiv, iżda li f'dan l-Istat Membru ta' stabbiliment il-profitti jiġu kkunsidrati bħala mqassma u jiġu ntaxxati fuq l-azzjonist jew il-parteċipant tagħhom, jistgħu jibbenefikaw mir-rimbors tat-taxxa f'ras il-għajn, bil-kundizzjoni li l-awtoritajiet tat-taxxa Olandiżi jaċċertaw, bil-kooperazzjoni sħiħa ta' dawn l-impriżi, li dawn tal-aħħar, jew iżommu jew iħallsu, fl-Istat Membru ta' stabbiliment tagħhom, taxxa ekwivalenti għat-taxxa Olandiża fuq id-dividendi li l-fondi residenti għandhom, fl-applikazzjoni tal-obbligu msemmi fil-punt 12 preċedenti, iżommu, bħala taxxa, fuq il-profitti mħallsa lill-azzjonisti jew lill-parteċipanti tagħhom. Li tali UCITS jiġu permessi li jibbenefikaw minn dan ir-rimbors, f'dawn iċ-ċirkustanzi, ikun jikkostitwixxi, fil-fatt, miżura inqas restrittiva mis-sistema attwali.

138. Isegwi li r-restrizzjoni li tirriżulta mill-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni inkwistjoni ma tistax tiġi ġġustifikata la min-neċessità li jiġi ggarantit tqassim ibbilanċjat tas-setgħa ta' tassazzjoni bejn l-Istati Membri u lanqas min-neċessità li titħares il-koerenza tas-sistema fiskali.

139. Fid-dawl tal-kunsiderazzjoni kollha preċedenti, inqis li jeħtieġ li t-tielet domanda preliminari magħmula mill-qorti tar-rinviju għandha tingħata risposta fis-sens li l-Artikolu 63 TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni ta' Stat Membru, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li skontha UCITS mhux residenti tiġi rrifjutata r-rimbors tat-taxxa tad-dividendi, miżmuma fuq dividendi miksuba minn entitajiet stabbiliti f'dan l-Istat Membru, minħabba l-fatt li din l-UCITS ma ssodisfatx l-obbligu, previst mil-leġiżlazzjoni fiskali ta' dan l-Istat Membru, li tqassam lill-azzjonisti jew parteċipanti tagħha l-profitti mqassma minn entitajiet residenti f'dan l-Istat Membru fi żmien tmien xhur minn wara t-tmiem tas-sena finanzjarja u dan meta jintwera li għal din l-UCITS mhux residenti huwa impossibbli jew eċċessivament diffiċli li tissodisfa dan l-obbligu u meta, skont il-leġiżlazzjoni tal-Istat Membru li fih l-UCITS mhux residenti hija stabbilita, dawn il-profitti jiġu kkunsidrati bħala mqassma jew jiġu inklużi fit-taxxa li l-Istat Membru ta' residenza tal-UCITS jiġbor mill-azzjonisti jew parteċipanti msemmija daqslikieku dawn il-profitti kienu ġew imqassma, filwaqt li r-rimbors inkwistjoni jingħata lil UCITS residenti li tissodisfa l-obbligu msemmi, wara tnaqqis tat-taxxa tal-Istat Membru inkwistjoni fuq id-dividendi.

V. Konklużjoni

140. Fuq il-bażi tal-kunsiderazzjonijiet magħmula, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi għat-tieni u għat-tielet domanda preliminari magħmula mill-Hoge Raad der Nederlanden (il-Qorti Suprema tal-Pajjiżi l-Baxxi) bil-mod segwenti:

1) L-Artikolu 63 TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix leġiżlazzjoni ta' Stat Membru, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li skontha jiġi rrifjutat lil UCITS mhux residenti r-rimbors tat-taxxa fuq id-dividendi, miżmuma fuq id-dividendi miksuba minn entitajiet stabbiliti

64 Sentenza Fidelity Funds, punt 75.

f'dan l-Istat Membru, minħabba li din ma tipproduċix il-prova li tissodisfa ċerti rekwiżiti li jikkonċernaw il-kompożizzjoni tal-azzjonisti tagħha previsti mil-leġiżlazzjoni ta' dan l-Istat Membru, bil-kundizzjoni li, l-ewwel nett, il-konformità mar-rekwiżiti tal-azzjonisti tiġi meħtieġa mill-awtoritajiet fiskali b'mod ugwali hemm għall-UCITS residenti kif ukoll għal dawk mhux residenti u, it-tieni nett, li d-differenza fit-trattament abbażi tal-kriterju ta' kwotazzjoni f'tali Stat Membru, f'dan il-każ, il-Borża ta' Amsterdam ma tkunx tinkludi, *de facto*, trattament ipprivileġġat għall-impriżi residenti fil-Pajjiżi l-Baxxi, kwistjoni li hija għall-qorti tar-rinviju biex tiddetermina.

2) L-Artikolu 63 TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni ta' Stat Membru, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li skontha UCITS mhux residenti tiġa rrifjutata r-rimbors tat-taxxa tad-dividendi, miżmuma fuq dividendi miksuba minn entitajiet stabbiliti f'dan l-Istat Membru, minħabba l-fatt li din l-UCITS ma ssodisfatx l-obbligu previst mil-leġiżlazzjoni ta' dan l-Istat Membru, li tqassam lill-azzjonisti jew parteċipanti tagħha l-profitti mqassma minn entitajiet residenti f'dan l-Istat Membru fi żmien tmien xhur minn wara t-tmiem tas-sena finanzjarja u dan meta, jintwera li għal din l-UCITS mhux residenti huwa impossibbli jew eċċessivament diffiċli li tissodisfa dan l-obbligu u meta, skont il-leġiżlazzjoni tal-Istat Membru li fih l-UCITS mhux residenti hija stabbilita, dawn il-profitti jiġu kkunsidrati bħala mqassma jew jiġu inklużi fit-taxxa li l-Istat Membru ta' residenza tal-UCITS jiġbor mill-azzjonisti jew parteċipanti msemmija daqslikieku dawn il-profitti kienu ġew imqassma, filwaqt li r-rimbors inkwistjoni jingħata lil UCITS residenti li tissodisfa l-obbligu msemmi, wara tnaqqis tat-taxxa tal-Istat Membru inkwistjoni fuq id-dividendi.